disinn hilaryspiteri.com

# IL-PONT

rivista letterarja elettronika miġbura minn Patrick Sammut
literary online magazine compiled by Patrick Sammut

Nu. 45 - **DIĊEMBRU 2017**

## werrej


| | |
|---|---|
| L-Editorjal | 2 |
| L-Aħbarijiet | 3 |
| Reazzjonijiet | 7 |
| L-Intervista: Mariella Scerri | 9 |
| L-intervista: Hilary Spiteri | 11 |
| Paġni Milied | 12 |
| Patri Dwardu Fenech: Rigu Bovingdon | 14 |
| Ġorġ Pisani: Joe Camilleri | 18 |
| Toth Arpad: A Poet from Romania | 21 |
| Rakkonti ta' Antoine de Saint-Exupery, Carmen Refalo u John Consiglio | 23 |
| Il-Poeżiji | 30 |
| Versi lil hinn minn xtutna | 33 |
| Minn fuq l-ixkaffa | 34 |








Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

Novembru kien ix-xahar tal-Festival tal-Ktieb li ttella' fid-Dar tal-Mediterran fil-belt kapitali. Hemmhekk wieħed seta' jara miġburin f'post wieħed eluf ta' kotba b'ilsna differenti u dwar suġġetti differenti. Wieħed seta' jmiss b'idejh u jara b'għajnejh kemm il-ktieb Malti mexa 'l quddiem u dan bis-saħħa tal-bosta kittieba, djar tal-pubblikazzjoni, stampaturi u anki organizzaturi tal-Festival stess flimkien ma' għaqdiet u entitajiet oħra marbutin mal-istess qasam.

Issa li għadda l-Festival tal-Ktieb ma jfissirx li jintesa kollox imma s-sinerġija triq tibqa' għaddejja. Il-ktieb hu wieħed mill-isbaħ rigali li persuna tista' tagħti lil kull min tirrispetta, u dan matul is-sena kollha. Issa li l-Milied u l-Ewwel tas-Sena qegħdin magħna nżuru wkoll il-ħwienet tal-kotba, nagħtu daqqa t'għajn tajba lill-ixkaffi tal-kotba u nagħżlu b'għaqal. Ma ninsewx li kotba tajbin hemm kemm trid u dawn ma jinstabux biss fuq quddiem tal-ixkaffi, imma anki moħbijin fuq wara jew fl-irkejjen.

Nagħtu daqqa t'id lill-ktieb Malti u lil dak kollu li jinvolvi billi nkunu aħna stess li nixtruh u nagħtuh bħala rigal lil kull min għandna għal qalbna, żgħar u kbar. Illum hemm għażla vastissima, għal kull età, interess u gost.

Xtaqt nikteb xi ħaġa wkoll dwar il-paġna Reazzjonijiet. Bosta jfaħħru IL-PONT għall-kontenut varjat imma anki għall-preżentazzjoni tiegħu. Hawn nirringrazzja lil sieħbi u kollega Hilary Spiteri għas-sabar u l-għarfien tiegħu fil-qasam. Il-paġna Reazzjonijiet turi wkoll li l-idea ta' IL-PONT wara kollox qed taħdem: dik li kittieba differenti, imma anki nies li tinteressahom id-dinja tal-letteratura u tal-ktieb, jiddjalogaw bejniethom. IL-PONT qed iservi verament ta' pont! U dan il-pont qed jgħaqqad ukoll lil qarrejja u kittieba Maltin ma' qarrejja u kittieba lil hinn minn xtutna.

Is-suċċess ta' IL-PONT jidher ukoll min-numru ta' kontributuri dejjem jikber. Ta' dan ħajr lil kull min b'xi mod jew ieħor jgħin biex pubblikazzjoni bħal din tibqa' ħajja u varjata. Infakkar li IL-PONT mhux pubblikazzjoni tal-*elite* imma fih jiġu inklużi kitbiet ta' livell differenti, mhux bilfors ikunu perfetti. Is-sabiħ tiegħu hu li min jaqrah ikun jista' jqabbel u jixtarr. Kull kitba għandha s-sabiħ tagħha bħalma dejjem hemm lok biex wieħed itejjeb il-prodott tiegħu u jitgħallem mingħand ħaddieħor. Ħajr speċjali lil Rigu Bovingdon (direttament mill-Awstralja) u Joe Camilleri (minn Għawdex) li għoġobhom jgħaddu lil IL-PONT żewġ kitbiet b'saħħithom dwar żewġ personaġġi lil ħabbew tassew lill-Malti: Dwardu Fenech u Ġorġ Pisani. Victor Vella (anki hu mill-Awstralja) jagħtina kitba maqluba għall-Malti minnu stess tal-kittieb Franċiż Antoine de Saint-Exupery .

Ħajr ukoll lil dawk il-kittieba li juru fiduċja f'IL-PONT billi jgħadduli bħala editur kopji tal-kotba li jkunu ppubblikaw. Jiena, kif jafu, dejjem niddedikalhom ftit spazju fil-paġna "Minn Fuq l-Ixkaffa" u anki billi xi drabi nikteb reċensjoni qasira jew nagħmlilhom direttament intervista dwar il-pubblikazzjoni in kwestjoni.

IL-PONT f'din il-ħarġa qed jiddedika wkoll spazju lil poeżiji ispirati minn delitt faħxi li seħħ f'Ottubru li għadda: dak fuq il-ġurnalista Daphne Caruana Galizia. IL-PONT jingħaqad ma' dawk kollha li kkundannaw delitt bħal dan u jittamaw li jinqabdu dawk responsabbli.

L-editur jixtieq jgħarraf lil kull min hu interessat li l-ewwel 41 ħarġa ta' din ir-rivista letterarja *online* issa jinsabu llegati kollha flimkien f'volum wieħed li jinsab fit-taqsima tal-Melitensia tal-Librerija tal-Università, Tal-Qroqq.

IL-PONT isellem ukoll lill-Maltin kollha li jinsabu barra minn Malta, fosthom dawk li ilhom li ħallew lil artna għal snin twal. Qed nirreferi, fost oħrajn, għall-Maltin-Awstraljani li naf li ħafna għadhom iħobbu lil Malta u lill-Ilsien Malti, u jsegwu regolarment IL-PONT.

Minn hawn IL-PONT jawgura l-Milied it-Tajjeb u Sena Ġdida Hienja lill-qarrejja u kontributuri kollha, flimkien mal-qraba u l-ħbieb tagħhom.

### IMUT IR-REV. VICTOR XUEREB S.J.

Nhar is-26 ta' Awwissu 2017 ħalliena r-Rev. Victor Xuereb S.J. fl-età ta' 86 sena. Dan wara li qatta' 68 sena bħala Ġiżwita u 52 bħala patri. Victor Xuereb twieled in-Naxxar fl-4 ta' Ottubru 1930 u wara li ħa l-edukazzjoni formali tiegħu kompla jistudja s-Seminarju. Fl-1949 huwa ngħaqad mas-Soċjetà ta' Ġesù (il-Ġiżwiti) u ssokta l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ ta' Heythrop u fl-1956 ħa d-dottorat tiegħu. Huwa studja wkoll fl-Università ta' Oxford minn fejn iggradwa Masters fil-Latin, fil-Grieg u fil-Filosofija (1961) u fil-Kulleġġ ta' Weston, f'Boston minn fejn iggradwa S. Th. L. (1965). Hemmhekk fl-1964 ġie ordnat qassis mill-Kardinal Cushing.

Rev. Xuereb kien membru fil-Bord tal-Fakultà tal-Università ta' Gonzaga, f'Washington, fejn għallem il-Latin, il-Grieg u t-Teoloġija (1965-1967). Fl-1967 kien maħtur Superjur tan-Novizzi f'Dar Loyola, fin-Naxxar u kien lettur tal-Iskrittura Mqaddsa fis-Seminarju ta' Għawdex. Huwa għallem ukoll f'Londra fil-Kulleġġ ta' San Injazju (1980-1982) u għallem il-Filosofija u d-Divinità fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi u fil-Fakultà tat-Teoloġija tas-Seminarju kif ukoll fl-Istitut tal-Istudji Reliġjużi. Huwa kien ukoll lettur fid-Dipartiment tal-Klassiċi, fl-Università ta' Malta.

Ir-Rev. Xuereb serva bħala Rettur fil-Kunvent ta' San Filippu fl-Isla (1982-1990 u 1994-2002) kif ukoll f'Dar Sarria fil-Furjana. Fl-1991 ingħata l-unur prestiġjuż Città di Valletta għal-letteratura. Huwa jibqa' magħruf għat-traduzzjoni tiegħu tal-*Odissea* (1991) u *L-Ilijade* (1997) ta' Omeru, kif ukoll ta' *L-Enejde* (2006) ta' Virġilju. Kien membru tal-Akkademja tal-Malti u serva wkoll fil-kunsill tagħha.

### *SPELLING BEE* BIL-MALTI FI SPAZJU KREATTIV, IL-BELT VALLETTA

Nhar l-Erbgħa, 20 ta' Settembru, l-Għaqda tal-Malti - Università ġiet organizzata l-ewwel *Spelling Bee* bil-Malti fi Spazju Kreattiv, il-Belt Valletta. Din l-attività ħadet forma ta' kompetizzjoni għal tfal bejn it-8 snin u t-13-il sena u kienet maqsuma f'żewġ sessjonijiet: l-ewwel waħda għal dawk bejn it-8 u l-10 snin u t-tieni waħda miftuħa għal dawk bejn il-11 u t-13-il sena.

Kull min applika biex jieħu sehem f'din l-attività ngħata lista ta' 100 kelma - biex it-tfal laħqu jsiru familjari mal-kliem - li minnhom ġew mistoqsija 50. It-tfal f'kull sessjoni qagħdu fuq palk u l-ewwel persuna ngħatat kelma biex tispelliha. Dawk li ġew mal-ewwel tlieta minn kull sessjoni ngħataw sett ta' kotba ġentilment sponsorjati mill-Merlin Publishers. Dawk kollha li pparteċipaw f'din l-attività ngħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni. Sabiex ġie aċċertat li l-kliem kien spellut tajjeb, kienet preżenti s-Sa Dorothy Bezzina bħala ġurija speċjali, li hija wkoll għalliema tal-Malti; kien hemm ukoll żewġ ġurija oħra li studjaw il-Malti f'livell Universitarju.

Din l-attività kienet waħda anċillari u kienet segwita mill-Jum Ewropew tal-Lingwi, nhar it-23 ta' Settembru fi Pjazza Sant' Anna, Tas-Sliema.

### IS-SESSIŻMU FIL-LINGWA MALTIJA

Nhar it-30 ta' Settembru 2017 f'Dar l-Ewropa, il-Belt Valletta, l-Akkademja tal-Malti organizzat seminar bit-tema 'Is-Sessiżmu fil-Lingwa Maltija'.

Waħda mill-bosta funzjonijiet tal-lingwa hija l-funzjoni soċjopsikoloġika tagħha – il-lingwa tirrifletti ġerarkiji u mekkaniżmi ta' kif nidentifikaw ruħna u tikkontribwixxi għall-komunikazzjoni tal-ġeneru. Minħabba raġunijiet storiċi u soċjali, fost oħrajn, bosta lingwi tqiesu bħala lingwi li jirriflettu u jikkodifikaw viżjoni tad-dinja li tagħti importanza kbira lill-irġiel. Fi kliem ieħor, bosta lingwi tqiesu u għadhom jitqiesu bħala sessisti. Dan is-seminar stħarreġ jekk il-lingwa Maltija tidħolx f'dan il-qafas u jekk iva, x'jista' jsir biex jitfasslu linjigwida biex jinħoloq lingwaġġ mhux diskriminatorju li jirrifletti rappreżentazzjoni aktar ġusta tal-irġiel u n-nisa fis-soċjetà Maltija kemm fuq livell ta' produzzjoni kif ukoll ta' komprensjoni tal-lingwa f'diversi oqsma.

Is-seminar ikkonsista f'seba' preżentazzjonijiet li esploraw it-tema minn aspetti differenti bħad-differenza bejn is-sess, il-ġeneru u l-ġens grammatikali; il-kunċett tal-ġeneru mil-lat soċjali u lingwistiku; il-mekkaniżmi li għandha l-lingwa Maltija biex tiddistingwi bejn il-maskil u l-femminil; x'forma lingwistika nużaw biex nirreferu għal mara f'ċerti karigi, impjiegi jew professjonijiet; l-użu tal-maskil ġeneriku; id-deskrizzjoni tal-mara fil-qwiel Maltin; kif għandu jinkiteb rapport mingħajr preġudizzji sessisti; is-sessiżmu fil-lingwaġġ ġurnalistiku.

Il-kelliema ewlenin f'dan is-seminar kienu Dr George Farrugia, Thomas Pace, Angela Callus, Joseph Galdes, Renee Laiviera, Dr JosAnn Cutajar u John Zammit. Dr Mario Cassar, il-President tal-Akkademja, mexxa s-seminar.

**KAZUO ISHIGURO JIRBAĦ IL-PREMJU NOBEL GĦAL-LETTERATURA 2017**

Għall-ħabta tal-bidu ta' Ottubru li għadda l-kittieb Kazuo Ishiguro tħabbar bħala r-rebbieħ tal-Premju Nobel għal-Letteratura 2017. Ishiguro, awtur ta' rumanzi bħal *The Remains of the Day* u *Never Let Me Go*, ġie mfaħħar mill-Akkademja Żvediża għar-rumanzi tiegħu li "jikxfu l-abbiss taħt is-sens illużorju tagħna f'rabta mad-dinja", rumanzi misjuqa minn "forza emozzjonali kbira". Ishiguro, li twieled f'Nagasaki, fil-Ġappun, fit-8 ta' Novembru 1954, imma li għex fir-Renju Unit sa minn meta kellu ħames snin, qal li kien kburi li jirċievi l-premju u enfasizza t-tama tiegħu li okkażjoni bħal din isservi bħala forza li tgħin fit-tajjeb fi żmien ta' instabbiltà globali. Ishiguro studja l-kitba kreattiva fl-Università ta' East Anglia, u ppubblika l-ewwel rumanz tiegħu, *A Pale View of the Hills*, fl-1982. Minn dak iż-żmien beda jaħdem bħala kittieb *full-time*. Skont l-Akkademja, it-temi tal-memorja, iż-żmien u d-delużjoni tal-jien jirrikorru fix-xogħol tiegħu, partikolarment f'*The Remains of the Day*, li rebbħu l-Premju Booker fl-1989 u li ġie addattat f'film b'Anthony Hopkins bħala l-attur ewlieni. Rumanzi oħrajn tiegħu huma *An Artist of the Floating World* (1986), *The Unconsoled* (1995), *When We Were Orphans* (2000), u *The Buried Giant* (2015).

**KONFERENZA KARMEN MIKALLEF BUĦAĠAR**

Nhar il-25 ta' Ottubru fis-Sala Francis Ebejer, l-Università ta' Malta, ittellgħet għal darb'oħra l-Konferenza Karmen Mikallef Buħaġar. Din id-darba l-kelliem kien Dr Giuseppe Schembri Bonaci li qara l-istudju tiegħu bl-isem ta' "Dun Karm u Edward Caruana Dingli Quddiem l-Angelus novus". Dun Karm u Edward Caruana Dingli huma żewġ eżempji interessanti fi ħdan il-forzi konfliġġenti taż-żmien, li jistgħu jitqiesu bħala kumpless irrappreżentat minn Charles Baudelaire u Walter Benjamin. Il-mistoqsijiet dwar dan il-kumpless jagħmlu ħafna sens anki llum meta s-soċjetà dieħla, jew ġa daħlet, f'Moderniżmu pjuttost ġdid iżda b'xejriet konservattivi jekk mhux kompletament reazzjonarji: konfrontazzjoni ta' żewġ 'Moderniżmi strambi'. Din it-taħdita hija studju li ffoka sewwasew fuq ir-relazzjonijiet bejn poeta u pittur, li ddefinew l-atteġġjament artistiku ewlieni għal nofs seklu. Huwa studju li jista' jgħin ukoll biex forsi nagħmlu ftit sens mill-'ġenn' li dieħla fih is-soċjetà globali llum. Is-serata saret b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Fakultà tal-Arti.

**DIPLOMA LIL DR KARMENU MALLIA MIS-*SICILIA ESPERANTISTA***



Dr. Karmenu Mallia (lemin) u l-Baruni Saverio Donato (xellug)

Nhar it-28 ta' Ottubru 2017 Dr Karmenu Mallia ngħata diploma minn idejn il-Barone Saverio Donato, Gran Maestro. Is-serata saret taħt il-presidenza ta' Prof. Giuseppe Campolo, promutur u president tal-kumitat "Sicilia Esperantista" li tmexxi konkors internazzjonali ta' poeżija bit-Taljan u bl-Esperanto, bit-titlu "Poesia da tutti i cieli/Poezio el ĉiuj ĉieloj." Dr Mallia kien wieħed mill-ġurija ta' għaxra. Is-serata saret fil-lukanda Parco Augusto, Terme Vigliatore, provinċja ta' Messina.

**SERATA F'ĠIEĦ MARIO AZZOPARDI FIL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB 2017**

Fil-programm kulturali tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb ta' din is-sena, Mario Azzopardi, id-drammaturu, poeta, edukatur u ġurnalist kulturali magħruf, kien iċ-ċentru f'attività li ġiet imħejjija għalih bħala r-rebbieħ tal-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kitba tal-2016. L-attività ġiet imtella' mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb f'kollaborazzjoni ma' Horizons u seħħet fis-Sala Sir Temi Zammit (MCC, il-Belt Valletta) nhar il-Ġimgħa 10 ta' Novembru fit-8 ta' filgħaxija.

Antonella Axisa ppreżentat l-attivitajiet tas-serata li fetħet b'filmat ta' intervista ta' 10 minuti ma' Azzopardi, miġbud fil-monasteru sabiħ tal-Ordni tal-Karmelitani fl-Imdina. Il-monasteru kien il-lok ta' waħda mill-aħħar xogħlijiet ta' Azzopardi – *Santa Maria de Pazzi - passion play* moderna ispirata mill-figura storika tas-soru u mistika Karmelitana.

Wara kien hemm panel ta' kelliema, fosthom awturi, atturi u attivisti fix-xena kulturali lokali li ħadmu mill-qrib ma' Azzopardi f'xi punt tul il-karriera tiegħu. Fost dawn, id-drammaturu u kittieb Dr Alfred Sant. Id-diskussjoni kienet imżewqa b'interventi ta' qari ta' siltiet mix-xogħol ta' Azzopardi.

Azzopardi ngħata l-Premju għall-Kontribut Siewi fl-2016 mhux biss għall-produzzjoni letterarja tiegħu fil-poeżija, kritika letterarja u drama, iżda wkoll għax-xogħol tiegħu fil-qasam tal-ġurnaliżmu kulturali. Bħala wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju, Azzopardi ħadem bla heda biex jippromwovi l-ħidma ta' awturi oħra kontemporanji u biex jinkoraġġixxi lill-awturi żgħażagħ jiksru t-tradizzjoni u jfittxu mergħat letterarji ġodda. Imwieled ġo familja ta' ħaddiema mill-Ħamrun, Azzopardi baqa' leali lejn l-għeruq tiegħu, u żamm sod mal-ideat tax-xellug kemm fil-kontribuzzjonijiet tiegħu fil-gazzetti, kif ukoll fil-viżjoni tiegħu li jwassal il-letteratura lill-poplu. L-avveniment għalaq b'reċitazzjoni qasira meħuda minn dramm ta' Azzopardi.

### L-ORATORJU 'PAWLU TA' MALTA' FL-IMDINA

L-oratorju magħruf *Pawlu ta' Malta* reġa' ġie ppreżentat nhar il-Ġimgħa 10 ta' Novembru fil-Katidral Metropolitan ta' San Pawl, l-Imdina. *Pawlu ta' Malta* għandu mużika tal-Mro Professur Charles Camilleri u versi tal-Professur Oliver Friggieri. L-Oratorjo jirrakkonta l-ġrajja ta' San Pawl f'Malta u jinterpretaha għaż-żmien tal-lum. Dan ix-xogħol kien għamel suċċess kbir meta nstema' għall-ewwel darba fl-1985. Din ir-rappreżentazzjoni din id-darba saret fl-okkażjoni tal-1950 anniversarju mill-martirju ta' San Pawl, taħt il-patroċinju ta' Mons. Pawl Cremona, Arċisqof Emeritu ta' Malta. Is-solisti kienu Brian Cefai, Rosabelle Bianchi, u Alfred Camilleri, waqt li n-narratur kien Manwel Cauchi. Ħadet sehem l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali taħt id-direzzjoni ta' Mro Dr Michelle Castelletti flimkien mal-Amadeus Chamber Choir u St. Julian's Choral Group. Id-dħul kien bla ħlas u l-pubbliku kien mistieden jattendi.



**Mix-xellug għal-lemin: it-Tenur Brian Cefai (San Pawl), is-Sopran Rosabelle Bianchi (L-Anġlu), Dr. Michelle Castelletti (is-Surmast Direttur li mexxiet l-Orkestra Filarmonika ta' Malta), il-Prof. Oliver Friggieri (il-poeta li kiteb il-versi tal-oratorju) u l-Baritonu Alfred Camilleri (Festu).**

### IL-MONSINJUR LAWRENZ CACHIA JIRBAĦ IL-MIDALJA TAD-DEHEB "ĠIEĦ L-AKKADEMJA TAL-MALTI" 2017

Mons. Lawrenz Cachia twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1932. Huwa rċieva l-edukazzjoni tiegħu fil-Liċeo (tal-Ħamrun u tal-Belt) u aktar tard l-Università ta' Malta, minn fejn kiseb il-Liċenzjat fit-Teoloġija. Ħa l-quddiesa fl-1956. Qeda d-dmirijiet pastorali tiegħu bħala Kappillan tal-Gudja (1959–1963) u bħala Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ (1963–1983). Fl-1984 inħatar membru tat-Tribunal taż-Żwiġijiet, kariga li baqa' jżomm għal 22 sena sħaħ, sewwasew sas-sena 2006. Fl-1994 ingħata t-titlu ta' Monsinjur bħala membru tal-Kapitlu tal-Katidral. Illum huwa rtirat fid-Dar tal-Kleru fejn daħal 16-il sena ilu.

Bħala president tas-Soċjetà Christus Rex, Mons. Cachia kien wieħed mill-fundaturi tar-rivista Pastor u għal bosta żmien serva fil-bord editorjali tiegħu. Is-sehem tiegħu f'din ir-rivista ħeġġitu jidħol aktar fil-fond fl-istudji teoloġiċi. Ta sehmu wkoll fil-qasam tax-xandir; fil-fatt, kien involut f'diversi serje ta' programmi reliġjużi fuq Radju Malta u wara, anki fuq l-RTK. Wara li rriżenja minn Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ daħal fil-Fraternità ta' Charles de Faucauld u beda jieħu ħsieb ir-rivista tal-istess fraternità. Fl-1996 il-Gvern onora lill-Mons. Cachia billi ħatru Membru tal-Ordni tal-Mertu għax-xogħol tiegħu b'risq l-Ilsien

Malti.

Isem il-Mons. Cachia jintrabat ma' ħidma sfiqa fil-kamp lingwistiku u letterarju. Ma setax jonqos li l-Monsinjur Cachia ma jinteressax ruħu fil-ħajja u x-xogħol ta' Dun Karm Psaila u Mikiel Anton Vassalli, Żebbuġin bħalu. Fuq il-poeta nazzjonali ħareġ tliet kotba: *Dun Karm: Il-Poeta Nazzjonali - Antoloġija Kkummentata* (1999), *Dun Karm: Il-Ħajja tal-Poeta Nazzjonali* (2011), u *Dun Karm Bħala Qassis* (2013). Anki fuq Vassalli ħareġ tliet kotba: *Mikiel Anton Vassalli: Ħajtu fil-Qosor* (1988), traduzzjoni tal-'Grammatica Melitensis' ta' Mikiel Anton Vassalli (1996), u edizzjoni tal-'Lexicon' jew Dizzjunarju Malti-Latin-Taljan (2016).

Studji oħra li jmissu mal-Ilsien Malti jinkludu: *Il-Verb fil-Malti: Studju dwar il-Forom* (1984), *Grammatika Ġdida tal-Malti* (1994), *L-Ilsien Malti: Ilbieraħ u Llum* (1994), edizzjoni ta' *L-Ewwel Dizzjunarju Malti tal-Kavallier Thesan* (1999), *Ħabbew l-Ilsien Malti* (2000) u *Ilsna Semitiċi* (2004).

Mons. Cachia tana wkoll diversi kotba oħra ta' natura reliġjuża. Dawn jinkludu: *Missirijiet il-Knisja* (1997), *Il-Bibbja Bħala Letteratura* (2001), u *L-Istorja tal-Kotba Mqaddsa Maqlubin għall-Malti* (2013). Fl-1991 kien ittraduċa *Il-Kantiku Spiritwali ta' San Ġwann tas-Salib*. L-aħħar xogħol tiegħu huwa *Il-Konċilji Ekumeniċi* (2017).



**Mons. Lawrenz Cachia.**

**KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA "MONS. AMANTE BUONTEMPO" 2017 U SERATI OĦRA TA' POEŻIJA**

Nhar il-Ġimgħa 10 ta' Novembru 2017 ittellgħet is-Serata tal-Premjazzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija "Mons. Amante Buontempo" fis-Sala Sir Temi Zammit, fiċ-Ċentru Mediterran tal-Konferenzi. Din id-darba b'kollox ipparteċipaw 150 poeżija miktubin minn poeti differenti. L-ewwel tliet premji ntrebħu minn Nadia Mifsud, filwaqt li poeti oħrajn ingħataw Ċertifikati ta' Ġieħ: dawn kienu Francesco Pio Attard, Louis Briffa, Robert Gatt, Elizabeth Grech, Therese Pace, u John P. Portelli. Dan il-Konkors ttella' bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Poeti Maltin u l-Kunsill tal-Ktieb.

Il-Premjazzjoni kienet segwita immedjatament minn żewġ attivitajiet importanti oħrajn marbutin mal-poeżija: serata ta' tnedija ta' kotba ta' poeżija - ippubblikati minn Horizons - minn awturi bħal Achille Mizzi, Victor Fenech, John P Portelli, John Buttigieg u Carmel Scicluna, u serata fejn ingħata n-*National Lifetime Achievement Award* lill-poeta, kittieb u ġurnalist, Mario Azzopardi.

Intant nhar l-24 ta' Novembru l-Għaqda Poeti Maltin nediet ukoll il-ġabra ta' poeżiji ta' Raymond Caruana bl-isem ta' *Il-Ħajja bħall-Fjuri*. Din il-lejla ttellgħet fis-Sala tal-Wirjiet Ministeru għal Għawdex, fir-Rabat Għawdex, taħt il-patroċinju tal-Ministru Dr. Justyne Caruana.

**IMUT L-GĦALLIEM U STORIKU WINSTON L. ZAMMIT**

Nhar it-18 ta' Novembru 2017 ħalla din id-dinja ta' 67 sena, l-għalliem, riċerkatur u storiku Winston L. Zammit. Huwa kien awtur ta' numru ta' kotba u bosta artikli ta' natura storika. Bosta jiftakruh bħala l-għalliem tal-Istorja tagħhom. Jistrieħ fis-sliem.

**Email mingħand Michael Zammit, l-4 ta' Settembru 2017**

Grazzi għal elf darba. Sabiħ wisq. Mimli qari mill-aqwa. Tassew li hawn min jipprova jwaqqa' lsienna, iżda tassew ukoll li hawn nies tal-kalibru tiegħek li għal dan l-ilsien qed jagħtu qalbhom kollha. Dan il-fatt irridu nirrikonoxxuh f'dinja fejn ħafna minna aktar ħsiebna fl-egoiżmi tagħna. Meta biss biss wieħed jikkonsidra x'ħidma tremenda timplika l-produzzjoni ta' ktejjeb elettroniku ta' dan il-livell, ma tistax ma tinfexx f'radd ta' ħajr lejn kull min b'xi mod jagħti sehmu.

Sellili,
Michael

**Email mingħand Rigu Bovingdon, l-4 ta' Settembru 2017**

X'nista' ngħidlek aktar minn prosit Patrick għal din l-aħħar ħarġa ta' IL-PONT. Kulma tmur qiegħed dejjem tirfina iżjed fil-preżentazzjoni. Ħadt gost naqra fuq ħabibi Joe Saliba imma qalbi ngħasret għat-telfa ta' Mario Bezzina. U bilħaqq, grazzi tal-versi tiegħi bit-Taljan.

Ħabibek dejjem,
Rigu

**Email mingħand Marielle Spiteri, l-4 ta' Settembru 2017**

Għażiż Patrick,

Tassew fraħt u qsamt qalbi x'ħin qrajt fuq Mario Bezzina - xi ġmiel kemm għandna poeti u artisti Maltin (fosthom missieri) u internazzjonali li ħabbew lil ommhom u kieku kien għalihom reġġħu daħlu f'ġuf ommhom - għax hemm biss hemm kenn assolut.

Tislijiet u grazzi ħafna,
Marielle

**Email mingħand Joseph Sciberras, l-4 ta' Settembru 2017**

Patrick, Grazzi ħafna u prosit tassew. IL-PONT huwa bħall-inbid. Iktar ma jgħaddi żmien minn fuqu aktar isir itjeb. Ngħid il-verità: jaqtagħli nifsi. Seba' mitt sena biex nara x'fih. Għoġbitni l-intervista ma' Gioele. Ġieli ktibna lil xulxin. Il-poeżija tiegħu tinżilli għasel u tqawwini spiritwalment. Kompli sejjer hekk. Dalwaqt nibgħatlek poeżija tiegħi.

Saħħa,
Joseph Sciberras

**Email mingħand Stephen Cachia, is-6 ta' Settembru 2017**

Hello Patrick,

Prosit tal-intervista mal-poeta Ċiniż u qrajt ukoll l-intervista ma' tas-*Sci Fi*. Għamilt biċċa xogħol veru tajba u preżentazzjoni veru sabiħa. Jikteb dwar temi interessanti l-poeta Ċiniż.

Tislijiet,
Stephen

**E-mail mingħand Therese Pace, id-19 ta' Settembru 2017.**

Għażiż Patrick,

Inħossni fid-dmir li niktiblek biex niżżik ħajr tad-dedikazzjoni, l-impenn u l-ħin li tpoġġi f'dan il-magażin letterarju li jaslilna fil-kaxxa elettronika tagħna fil-ħin bla ma jfalli. Dejjem ikun imballat b'informazzjoni dwar ix-xena letterarja lokali u internazzjonali kif ukoll b'poeżiji u kitbiet oħra ta' livell għoli ħafna minn awturi diversi.

Ħadt gost ħafna naqra l-analiżi li għamilt fl-editorjal dwar l-istatistika tal-qari tal-Maltin u t-temi l-oħra li ffurmaw parti mill-editorjal. Tassew jirnexxilek iżżommna mkaħħlin mal-kompjuter naqraw dak kollu li joffri dal-magażin. Jiswa mitqlu deheb! J'alla n-nebħ letterarju u kritiku jibqa' ħabibek għal ħafna żmien.

Sliem u saħħa.
Therese




**Email mingħand Dr Karmenu Mallia, is-7 ta' Settembru, 2017. Aktar tagħrif dwar il-mibki poeta Mario F. Bezzina**

Fl-2006, il-Malta Esperanto-Societo ħarġet ktejjeb ta' sittin paġna bit-traduzzjoni parallela ta' poeżiji tal-mibki Mario F. Bezzina, maqluba għall-Malti minn Dr Carmel Mallia. L-isem tal-ktieb hu *Printempa danco (Maż-Żifna tar-rebbiegħa).* Jidher li dawn il-poeżiji nkitbu l-Italja minħabba t-titlu li jġibu Pincio, EUR, Isola Maggiore, Tevere, Pincio, Piazza Navona u oħrajn.

F'"Ħarsa Fuq Fuq" (p. 44), Mallia jikteb li "Bezzina hu l-poeta tal-issa, imma tal-issa bla milħuq… Bezzina hu l-poeta ta' ħsus qawwija, ma jċajparx id-dehriet tiegħu; bil-maqlub, tant jidħol fid-dettal li wieħed ikollu l-impressjoni li qiegħed f'xi festa folklorista Maltija. Bl-atmosfera tal-arti tiegħu, Bezzina jibqa' iben l-ambjent Malti."

Bezzina kien intefa' b'ruħu u ġismu fil-medja tal-Poeżija, imma mbagħad qisu bired u telaq kollox. Bnedmin aħna. Imma poeta kien u poeta baqa'. Konna għoddna nsejnieh. Imma dak li kiteb hemm għadu.

L-Editur ta' IL-PONT jirringrazzja lil Dr Karmenu Mallia għan-nota tal-aħħar li hija din: "Imnalla hemm xi ħadd bħas-Sur Patrick Sammut biex permezz ta' IL-PONT jagħti palata lil-letteratura Maltija u lill-awturi Maltin (u barranin ukoll!)."

**Email mingħand Trevo Żahra, it-3 ta' Novembru 2017**

Bonġu Patrick,

Nittama li tinsab tajjeb. Ili ħafna biex niktiblek dwar IL-PONT u dejjem naljena rasi b'xi ħaġa oħra ... u ninsa.

Irrid ngħidlek PROSIT ta' dan il-kontriubut kbir li qed tagħti. Inħoss li preżentement, IL-PONT huwa l-uniku magazin letterarju fuq bażi regolari, li huwa tabilħaqq pont bejn il-pubbliku u x-xena letterarja. Inħoss li qed jimla vjot kbir ... anki minħabba l-fatt li huwa *online*, u kif taf inti, illum ħafna saru aktar isibuha faċli jaqraw minn fuq skrin milli minn fuq karta (... għalkemm din hija ħasra... imma jkollna nammettu li hija realtà).

Naqbel ħafna ma' dak li għidt dwar l-ambjent. L-awtoritajiet ta' kull żmien qatt ma taw kasu bis-serjetà. Għalihom l-ambjent kien dejjem kwestjoni skomda.

Prosit mill-ġdida u tislijiet,
Trevor

**Email mingħand Manuel 'Mannie' Casha, l-10 ta' Novembru, 2017**

Għażiż Patrick,

Qatt ma nista' nirringrazzjak biżżejjed għax-xogħol fejjiedi tiegħek għall-kittieba Maltin u Għadwxin bil-publikazzjoni ta' IL-PONT. Għalina li ngħixu 'l bogħod dan hu xogħol ta' valur immens.

Saħħa u Sliem,
Manuel

## *IL-PONT* JINTERVISTA LIL MARIELLA SCERRI, SCI-FI MALTA



*Fil-ħarġa li għaddiet IL-PONT intervista lill-Prof. Victor Grech, President tas-SciFi Malta. L-intervista kienet bil-Malti. Din id-darba IL-PONT qed iġib intervista ma' Mariella Scerri. Bħal Victor Grech Mariella tħobb l-akkademja, l-istudji umanistiċi u l-ġeneru tas-*science fiction*, u b'hekk jaqsmu bosta ideat flimkien. Mariella Scerri għandha sfond xjentifiku: tħarrġet bħala infermiera u pprattikat il-*cardiology nursing *għal 16-il sena. Ftit tas-snin ilu bdiet u temmet b'suċċess B.A. fl-Ingliż u fil-Letteratura Komparata, flimkien ma' P.G.C.E. fl-Ingliż. Bħalissa tgħallem l-Ingliż fil-livell sekondarju u qed tistudja għal *Masters *fl-Ingliż. Għandha f'moħħha li tkompli l-istudji tagħha f'livell Ph.D. Mariella tammetti li Victor huwa forza ta' motivazzjoni u l-kompetenza tiegħu fiż-żewġ oqsma tgħin bil-bosta.*

*L-intervista din id-darba qed issir bl-Ingliż ħalli tkun tista' tinftiehem ukoll minn qarrejja barranin.*

**You come from a science background where you trained as a nurse and practised cardiology nursing for many years. When did your interest in sci-fi begin and where did it come from?**

Initially it started with Victor discussing parts of his Ph.D. dissertation and having lengthy discussions about Star Trek and the papers he was working on. Academia had always intrigued me so Victor suggested I write a short paper on Nursing in Star Trek and present it in our first symposium. I was hooked straightaway and I continued to delve in various topics relating to science fiction and the humanities.

**Recently you read for a B.A. in English and Comparative Literature and a P.G.C.E. in English. Now you are reading for a Masters in English. How does all this strengthen your interest in sci-fi?**

The humanities use philosophy, literature, religion, art, history and language to understand and record our world. Reading for a B.A in Comparative Literature and now for a Masters widened my scope giving me a new perspective which I haven't approached before. Science fiction continues to consolidate this perspective of the humanities. Although it is considered as avant-garde, I find the tropes of most science fiction story lines deeply rooted in the humanities.

**Nursing, teaching and HUMS. How do all these come together?**

I find nursing and teaching very similar because the basis of both professions is giving care and reaching out albeit in different scenarios. HUMS helped me bridge the gap between nursing which is medically oriented and teaching English which falls under the humanities. Having a stronghold in both put me at a vantage point where I could access medical and humanities related research and be able to assimilate them with ease. I could also appreciate the unity of knowledge coming from these two disciplines.

**What is your role in the Sci-Fi Society and Symposia organised yearly? How do you describe your experience in relation to all this?**

Sc-Fi Malta was created by David Zammit, another science fiction aficionado. I am one of the main organisers along with David and Victor. It is a small organisation so the administration, promotion and organising of the symposia are done mostly by the three of us. We work as a team and help each other out when necessary. Victor brought a wealth of knowledge to the organisation, so he is a sounding board to most of our ideas and is the mastermind behind research and academic papers. I am more inclined to PR and the organisation of the

symposium. The editing of the first two books were done by this team and were self-published.

**Who are the people in Malta who are interested in the sci-fi genre (cinema, tv-internet series and literature)? Who are those who participate in the Sci-Fi Symposia?**

We try to direct our symposia to academic staff and professionals from different fields. We usually have an interesting mix of participants coming from various disciplines – hence the interesting discussions and remarks in our symposia.

**What do you think about sci-fi studies at university level here in Malta today and in the near future?**

I feel we still have a long way to go. HUMS is relatively new and it needs to be further consolidated before we start thinking about sci-fi studies at University Level. Nonetheless, these symposia offer a good platform for the genre. Our dream is that one day HUMS will have the accolade it deserves and offer undergraduate and postgraduate courses to interdisciplinary students. This I believe will provide the necessary tools and requirements for sci-fi studies.

**I know that you regularly read papers linked to the sci-fi genre during the Symposia. What are your main research interests?**

My research interests are quite varied but mostly they are nursing and scientifically oriented. Artificial intelligence is an area which sparked my interest in particular the ethical implications which could arise. Feminism is also an area I find particularly interesting.

**Do you see human nurses and teachers still relevant in future societies?**

Regardless of the huge advancements in AI, the caring aspect of both professions can never be erased and definitely not to be replaced. At best, teachers cultivate the basis of a society and it can only be done through human contact. While AI can help the nursing profession achieve optimal care and healing, it can never replace the humane aspect which is a sole ingredient for the nursing profession. Thus, I think human nurses and teachers will remain relevant for many years to come.

**If you were to suggest three sci-fi good reads and 3 sci-fi movies?**

**Books:**
*Dune* by Frank Herbert
*I Robot* by Isaac Asimov
*Stranger in a Strange Land* by Robert Heinlein

**Movies:**
*Blade Runner* by Ridley Scott
*2001 A Space Odyssey* by Stanley Kubrick
*Alien* by Ridley Scott




**Pubblikazzjoni oħra mis-SCI-FI Malta**




***IL-PONT* jintervista lil Hilary Spiteri awtur tal-ktieb ġdid *ART HISTORY COMPANION - A COMPREHENSIVE GUIDE TOWARDS THE STUDY OF ART HISTORY.***

**Meta u kif twieldet l-idea ta' dan il-ktieb?**

Tul il-karriera professjonali tiegħi ta' għalliem, minn dejjem kienet tinħass il-ħtieġa ta' għodda addizzjonali sabiex l-istudent jew dak l-individwu appassjonat fuq l-Istorja tal-Arti ma jkollux biss il-kotba li jintużaw bħala referenza imma jkollu wkoll ktieb li jikkumplimtah, b'ghadd ta' informazzjoni u eżereċizzji li jistimalaw aktar dan l-istudju.

**Għal min hu intiż ktieb bħal dan?**

Il-ktieb huwa ntiż b'mod speċjali għall-istudenti li qed jistudjaw l-Arti u l-Istorja tal-Arti fil-Livell Avvanzat u Intermedju. Għaldaqstant l-għadd ta' faċċati mżewqa b'ħafna lwien li l-opri tal-arti joffru kif ukoll it-tagħrif bażiku u interessanti jagħmel minn dan il-ktieb akkumpanjatur ideali għall-istudji artistiċi mill-prestorja sal-modern u l-kontemporanju.

**X'joffri ktieb bħal dan li kotba oħra m'għandhomx?**

*Art History Companion* huwa ktieb li huwa riċerkat imma fl-istess ħin selettiv fl-informazzjoni li jittrażmetti. Ninsabu fiż-żminijiet ta' immedjatezza, anki fl-iżvolgiment tal-istudji tagħna. Sirna esperti tax-"short and sweet". Għalhekk l-għan ewlieni ta' din il-publikazzjoni ma huwiex *surplas* ta' tagħrif, anzi tagħrif meqjus imma dettaljat. Hija wkoll produzzjoni, fuq bażi lokali, li fix-xorta tagħha tittratta l-istudju tal-Istorja tal-Arti b'għadd ta' xogħlijiet artistiċi internazzjonali kif ukoll Maltin. Għall-kull biċċa, ħamsa u sebgħin biex inkun preċiż, hemm jakkumpanjaw għadd ta' eżerċizzji li jgħinuk issir taf mill-qrib l-opra tal-arti. Il-ktieb *Art History Companion* huwa miktub bil-lingwa Ingliża biex ikun aċċessibbli għal udjenza wiesgħa, lokali u internazzjonali.

**Liema huma l-għanijiet ewlenin tal-ktieb?**

L-għan ewlieni ta' din il-publikazzjoni huwa li joffri pjattafroma professonali għall-istudji tal-Istorja tal-Arti, b'mod speċjali fuq livell lokali. 210 faċċata mżewqa mhux biss b'kuluri mill-isbaħ imma anki b'informazzjoni riċerkata u dettaljata timla vojt kbir li jinsab fis-sistema edukattiva lokali, fejn l-istudenti u l-għalliema tagħna huma mitluba jadattaw għal materjal edukattiv li jintuża f'sistemi edukattivi barranin, li ħafna drabi huma msejsa fuq eżiġenzi differenti minn dawk ta' pajjiżna.

**X'esperjenza rrikjeda u x'enerġija hemm moħbija wara proġett bħal dan?**

Dan huwa proġett li ħa ħafna snin ta' ħsieb u riċerka. Huwa proġett li ma kienx possibbli li kieku jien ma lbistx iż-żraben tal-għalliem, riċerkatur, fotografu u disinjatur. Sfortunatament, fuq bażi ekonomika, in-numri limitati ta' studenti li jpoġġu għas-suġġett jagħmlu proġetti bħal dawn ħafna diffiċli sabiex jimmaterjalizzaw irwieħhom. Għaldaqstant sforz l-għaqal u l-paċenzja rnexxieli ngħaqqad dak li minn dejjem kelli f'moħħi, għodda li sa minn meta kont jiena stess student wara l-bank tal-klassi minn dejjem ħassejt in-nuqqas sabiex tressaqni aktar lejn id-dixxiplina artistika, mhux biss, imma twassalni sabiex napprezza u nħobb b'aktar passjoni l-arti, kemm dik internazzjonali kif ukoll dik lokali.

## IL-ĦARUF TAT-TWELID GĦAL ĠESÙ BAMBIN

L-għajjat tan-nagħaġ qajmuni u qajmu lin-nannu wkoll. Jiena ħbatt se nibda nonfoħ imma n-nannu Gaspru ħareġ minn soddtu mimli bl-enerġija, avolja s-sagħtejn ma kinux daqqu. "Isa! Forsi jekk  Alla jrid..."

Qomt u mort miegħu fil-maqjel. Erbat iħrief, wieħed minnhom tat-twelid, mixħutin fi ħdan ommhom u l-muntun mitfugħ fuq it-tiben iħares kalm kalm. Naqta' rasi li kien kburi u kuntent. In-nannu beda jkellimhom u għalkemm ma weġbuhx lanqas kif kienu jafu, nemmen li fehmuh u apprezzaw li ħa ħsiebhom u ma rrabjax magħhom. Kieku jien...

"Nathan, illum jien l-iktar bniedem kuntent. Veru li kieku Lukrezz, nanntek, kienet għadha ħajja kont inkun bil-bosta aktar. Imma ma nistax ma nkunx jum qabel il-Milied. Imma issa, qed inħossni kuntent aktar minn qatt qabel, għax qed inħoss il-ferħ li min jaf kemm-il darba ħassew dawk ir-rgħajja fl-imqajel tagħhom. Nifraħ għalihom għax kienu huma l-ewwel mistednin li Ġesù Bambin ried li jżuruh fil-grotta battala mill-iċken lussu imma mfawra bil-hena li ma tfissirhiex. Kieku dal-Milied ikollu jistedinni kif stieden lil dawk ir-rgħajja, il-ħaruf tat-twelid noħodlu b'rigal."

Wara li serraħ rasu li fil-maqjel kollox kien f'postu u l-ikel u x-xorb ma kinux naqsu la mill-magħlef u lanqas mill-ħwat, u d-dawl baxx li jwennes tal-bozza tal-ħmistax kien kollox sewwa, in-nannu Gaspru serraħ il-menti li seta' jmidd rasu mistrieħa fuq l-imħadda. U ġietu nagħsa ħelwa u rajtu rieqed bis-saħħa tad-dawl baxx tas-salib taħt il-Madonna sewwa sew 'il fuq minn soddtu. U ħsibt fin-nannu Gaspru u fin-nannu Matteo. Wieħed sinjur fil-ħwejjeġ sempliċi u fqir fil-kumditajiet tal-lum, u l-ieħor dejjem xogħol tant li rari jsib ħin għalija.

*  *  *

L-għada filgħodu Nathan mar għand ommu. Dakinhar kellu jmur il-knisja biex flimkien mas-soru tas-St. Francis jipprova l-aħħar provi tal-priedka tal-Milied li dakinhar filgħaxija kellu jagħmel minn fuq il-pulptu tal-parroċċa tar-raħal. Il-priedka kitibha missieru li għex u trabba f'dak ir-razzett tan-nannu Gaspru.

Qatt daqs dakinhar ma fehem kull kelma tal-priedka li kien kitiblu missieru. U l-provi, waħda wara l-oħra, għamilhom bil-qalb. Imma daqs kemm ippriedka bil-qalb lejlet il-Milied fi knisja mimlija ħerqana biex tisma' l-priedka tat-tfajjel, fl-ebda prova ta' qabel ma kien ħareġ daqshekk tajjeb. U meta wasal għas-sentenza "Daħlu r-rgħajja mistagħġba bis-seħer li kienet qed tarmi dik it-tarbija u l-iben ta' wieħed minnhom offra lil Ġesù ħaruf tat-twelid", Nathan tefa' ħarstu fuq in-nannu Gaspru li kien hemm jisimgħu u jagħmillu l-qalb bid-dehra tiegħu fl-ewwel filliera. U għajnejhom u qalbhom raw l-istess ħaġa u ħassew l-istess ħsieb!

**(mill-Manuskritt "Stejjer tal-Bieraħ" ta' Mario Attard)**



## IR-RIGAL TA' TAĦT IS-SIĠRA

Fl-aħħar wasal dak il-jum,
dak il-jum l-aktar speċjali.
Reġa' wasal il-Milied
li għalija jum ideali.

Kif l-arloġġ idoqq it-tokki
illi wasal nofs il-lejl,
aħna lkoll nibdew ninġabru
għar-rigal li għadu ġej.

Aħna t-tfal ilkoll ħerqana
qed inħarsu lejn xulxin
u b'dik l-għajta hekk ferħana
ilkoll ngħajtu "sar il-ħin!".

Hekk kif jidħlu l-ġenituri
dlonk fil-kamra jaqa' s-skiet
huma jaqbdu r-rigali
Minut'oħra tkun għaddiet.

Fl-aħħar jasal il-mument,
illi jiena nieħu l-kaxxa.
U tgħid x'hemm imkebbeb ġewwa
ta' dil-kaxxa zgħira w baxxa?

Fittex aqla' ż-żigarella
u il-karti tal-madwar,
imma malli nħares ġewwa
dritt inħares lejn tad-dar.

Kif ħarist lejn ir-rigal,
ma stajtx nemmen li kien għalija
għaliex ġewwa dik il-kaxxa
xbieha ta' Ġesù tarbija.

Għalkemm dar-rigal inħobbu,
xorta mhux ta' ġewwa qalbi.
Għaliex jien irrid nammetti,
li sibt dak ta' ġewwa talbi.

**MARTINA LIVORI**

**(Martina Livori qiegħda fit-tieni sena tas-6th form fil-Kulleġġ De La Salle. Fost is-suġġetti li qed tistudja għandha l-Malti u l-Ingliż.)**

## IL-MILIED

Oh, li kont nista', mill-faqar tiegħi
noħloq presepju għalik Bambin,
bil-blat, bil-Grotta, bil-Belt imbiegħda,
bil-ħmar u l-baqra, twajba u siktin.
Kont nibdel qalbi fil-Grotta fqajra,
lil ħsibijieti f'ħotob il-blat,
lid-dnubiet tiegħi fil-Belt imbiegħda
li kenn, lil niesek, anqas ma tat;

kont nibdel l-egħżeż xewqat ta' qalbi
fil-ħmar u l-baqra b'nifshom jgħattuk;
lis-sensi tiegħi fl-ifqar Pasturi
f'riġlejk mixħuta biex iqimuk;

lil fehmti, f'tiben dik il-Maxtura
li qegħduk fiha idejn Marija;
l-għana ta' qalbi fiċ-ċirimelli
b'leħinhom jgħaxxqu l-lejla xitwija;

Lid-dwejjaq tiegħi fin-nagħaġ, miġjuba
mir-rgħajja lilek b'sinjal ta' sliema;
lid-dawl t'għajnejja f'musbieħ, inemnem
jirtogħod bl-imħabba, niedi bl-indiema;

l-imħabba tiegħi, fl-għaġeb imħeġġeġ
li bih sellmulek, Alla Tarbija,
għassies tfulitek, Ġużeppi t-Twajjeb
u Ommok, Ommna l-Verġni Marija;

l-għana li noħlom iżda le ngħanni,
li bih, Mulejja, 'l ruħi fawwart,
fil-għana tal-Anġli jkantawlek Glorja
fis-Sema, u Paċi lill-bniedem fl-art.

Din, xewqti, Tfajjel, ħolqa li torbot
lill-art mas-Sema, ħelu Bambin.
Din, xewqti: ħudni miegħek fil-Grotta
mal-ħmar u l-baqra, siekta u twajbin!

**GEORGE ZAMMIT**
**(Milied 1959, minn *Poeżiji*, KKM 1980)**



# PATRI DWARDU FENECH – IBEN Ħ'ATTARD PROFESSUR TAL-MALTI U TAL-GĦARBI - L-ewwel Parti

**Jikteb Rigu Bovingdon**

**Sfond familjari u familjali:**

Qisu lbieraħ, qiegħed inġib quddiem għajnejja, ix-xbieha żagħżugħa ta' Dwardu Fenech, liebes is-suttana ta' novizz, bi tbissima ta' kuntentizza, ixejjer "saħħa" lin-nies tar-raħal. Kien il-Ħadd filgħodu, wara l-quddiesa tal-għaxra. Ġurnata xemxija mill-isbaħ ta' difa; temp kif jaf jagħti l-ajru Malti fl-istaġuni tar-rebbiegħa, tas-sajf u tal-ħarifa. Ikkalkulajt li s-sena kienet għal xil-1951. Kont għadni daqsxejn ta' qrempuċu ta' disa' snin, tifel ieħor tar-raħal ħlejju tagħna ta' Ħ'Attard.

Imwieled Ħ'Attard fl-1 ta' Ġunju 1933 huwa attenda l-iskola primarja ta' Ħal Lija, għaliex Ħ'Attard, peress li dak iż-żmien ir-raħal kien żgħir ħafna fil-popolazzjoni - inqas minn elfejn ruħ - ma kienx hemm skola tal-Gvern. It-tfal tar-raħal kienu jmorru l-iskola ta' Ħal Lija li kienet tiġi preċiż fuq xifer fejn jiltaqgħu t-tliet irħula ta' Ħ'Attard, Ħal Lija u Ħal Balzan. L-istudji sekondarji tiegħu għaddiehom fil-Liċej tal-Ħamrun u tal-Belt waqt li t-taħriġ preparatorju għall-ordinazzjoni tiegħu fis-saċerdozju huwa għaddieh fil-Kulleġġ San Mark, ir-Rabat. Hemmhekk għadda sentejn fil-Filosofija u erba' snin Teoloġija.

Missier Dwardu kien tifel mir-raħal iżda ommu kienet mill-Qrendi. Fi żmienhom dawn kienu għaddew xi snin fit-Tuneżija fejn kienu marru jħabirku fil-ħidma biex ifaddlu l-flus u jħejju ħajja aħjar għall-familja lura f'Malta.

**Lejn il-ħajja ta' reliġjuż:**

Lil Dwardu kont sirt nafu mhux biss b'tifel tar-raħal iżda kien ukoll wieħed mill-membri tas-Soċjetà Mużewmina; għaqda reliġjuża li jiena wkoll kont nattendi filgħaxijiet ta' matul il-ġimgħa.

Din ix-xena ta' Dwardu Fenech ixejjer lin-nies tar-raħal, liebes suttana sewda, huwa u sejjer lejn id-dar wara l-quddiesa tal-Ħadd filgħodu, niftakar kienet laqtitni b'ċerta malinkonija. Għalfejn kien qiegħed ixejjer Dwardu? U fejn kien sejjer dan il-membru tal-Mużew li l-preżenza dħulija tiegħu jiena tant kont drajt; sa anke ħassejtni miġbud ħafna lejh bħala xempju għalina t-tfal għadna tilgħin?

Ħassejt dak il-waqt, taħlita ta' dispjaċir u ta' rabja. Is-swied il-qalb tnissel fija għaliex kont sirt inħobbu bħala membru attiv tal-għaqda tagħna, bħala wieħed intimu tar-raħal tagħna, bħala identità fil-komunità ċkejkna tagħna u b'figura ta' bniedem dħuli, għaqli, kwiet u sieber fil-manjieri tiegħu ma' kulħadd. U r-rabja tnisslet għaliex immaġinajt li dan il-wieħed minna, kien qiegħed jabbandunana. Rajtu, fil-għajnejn tfulija tiegħi, qiegħed jippreferi l-ħajja t'hemm barra, barra r-raħal wenniesi, mill-ħajja familjari li konna mdorrijin ingawdu bejnietna n-nies ta' raħal twelidi. Is-sena kienet l-1951 meta kont bdejt nattendi l-preparatorja tal-Mużew ta' Ħ'Attard. Mur għidli f'dak il-waqt ta' tfuliti, li bosta snin wara kelli nerġa' niġi taħt l-ombra tiegħu, għal darbtejn, fl-1981-82 u t-tieni sforz tiegħi matul is-snin mill-1994 sat-98, bi student universitarju.

Tlaqt niġri lejn id-dar nistaqsi 'l ommi fejn kien sejjer Dwardu. Kien appuntu dak il-mument li sirt naf għall-ewwel darba minn fomm ommi – li għalija, ta' tifel impressjonanti li kont, kulma kien jitniffes minnha kien vanġelju – li l-maħbub Dwardu kien daħal mal-Ordni tal-Patrijiet Agustinjani biex iħejji ruħu għas-saċerdozju.

U mbagħad, niftakar ukoll, lil ommi tirrakkontali li l-ġenituri ta' Dwardu kienu emigraw lejn it-Tuneżija bosta snin qabel, fejn kienu għaddew xi snin jaħdmu u jġemmgħu biex meta jerġgħu lura Malta, ikollhom biżżejjed biex jgħajxu familja fil-kumdità.

Aktar minn darba Dwardu kien irrakkontali kif f'ċertu distrett f'Tuneż li l-isem tiegħu llum insejtu, kienu hemm jgħammru ġemgħa sewwa ta' Maltin. Fis-snin li huwa kien għadda hemmhekk, jistudja fil-Kulleġġ tal-Patrijiet il-Bojod, fil-belt ta' Manouba, kien għad fadal ġgajta nisa, ulied ulied il-Maltin tal-bikri li kienu emigraw 'l hemm u li kienu baqgħu jżommu t-tradizzjoni li jilbsu l-għonnella Maltija.

**Ġebel ma' ġebel jiltaqa':**

Kellhom jgħaddu snin kbar wara dakinhar tax-xbieha tiegħu ħiereġ mir-raħal, huwa u sejjer lejn il-kunvent biex jiddedika ħajtu fl-Ordni Agustinjan meta fl-1981, sewwasew tletin sena wara, bla mistennija, jiena sirt student ta' dan Dwardu Fenech. Imma din id-darba Dwardu kien laħaq Professur tal-Għarbi u tal-Malti fl-Università ta' Malta.

Appena dħalt fil-kamra universitarja tiegħu għall-ewwel lezzjoni fil-Għarbi, wiċċu ma kien inbidel xejn mix-xbieha li kienet baqgħet stampata f'moħħi minn tfuliti. Għaraftu mill-ewwel u għamilt iżjed kuraġġ li se jkolli lilu b'wieħed mil-letturi tiegħi. U fraħt mhux ftit li wara tant snin mifrudin – hu medhi fl-istudji terzjarji waqt li jiena kont għaddej b'ħajti fl-Awstralja fejn kienet emigrat il-familja tagħna, miftum mill-ħajja Maltija f'Malta bis-safar – kont se nerġa', sa ċertu punt, nistgħall u nħassel mill-ġdid, ftit mill-esperjenzi ħelwin ta' tfulitna flimkien; esperjenzi li ma jintesew qatt.

Fil-frattemp, matul din il-medda kbira ta' snin miftumin mill-benna u mill-wens tal-ħajja tagħna fir-raħal ċkejken imma dejjem għażiż għalina s-Saraċini (il-laqam kollettiv tal-abitanti oriġinali ta' Ħ'Attard), kont naf minn qabel dakinhar bl-istudji li Patri Fenech kien segwa matul dawk is-snin twal ta' firda minn ma' xulxin. Għaliex fil-ħeġġa kontinwa u kbira li jiena kelli fija għall-Malti, spiss kont nara 'l ismu msemmi f'xi artiklu jew f'xi kumitat tal-Malti meta kont nirċievi fil-posta d-dar tiegħi f'Sydney, xi kitba letterarja ta' "Leħen il-Malti" u ta' "Il-Malti". U tgħidx kemm kont nitkabbar b'dan l-iskular bravu li ħareġ minn raħal twelidi, Ħ'Attard!

**Il-ħajja studenteska:**

Matul il-medda ta' xi sebgħa u għoxrin sena li matulhom kont osservajt il-progress ta' Patri Fenech, qabel ma beda jgħallem l-Università, sa ma laħaq professur, kont dejjem insegwi l-kitbiet tiegħu; daqqa ta' poeżija, oħra xi kitba kritika. Issa kien beda dieħel fil-qalba tal-istudji tal-lingwistika Maltija; l-istudju xjentifiku tal-lingwa tagħna li mal-mogħdija taż-żmien Dwardu spiċċa biex speċjalizza fiha.

Osservajt lil Dwardu jakkumula numru ta' gradi universitarji; turija dehrija tal-preokkupazzjonijiet akkademiċi li kien impenja ruħu fihom.

Mis-sena meta qaddes fl-1958 sal-1960 huwa għadda dawk is-sentejn f'Tuneż fil-Kulleġġ tal-Patrijiet il-Bojod. Hemmhekk studja l-Għarbi Klassiku, id-Djalett Tuneżin, l-Istorja Għarbija, l-Iżlamoloġija u d-Dritt Ċivili Tuneżin. Matul dan l-istess kors ta' studji jidher illi tela' għal xi waqt ġewwa Pariġi fi Franza mnejn kiseb id-Diplôme de Langue Française u s-Certificat de Traduction Anglaise mill-Istitut Catholique de Paris fl-1959.

Is-sena ta' wara Patri Fenech daħal jgħallem l-Università ta' Malta. Madankollu, minkejja dawk l-istudji kollha li kien għadda, xorta waħda ssokta b'aktar studji avvanzati fid-dinja akkademika. Fl-1964 iggradwa BA Ġenerali fil-Malti, fit-Taljan u fil-Franċiż u fl-1966 ħa l-BA bl-Unuri fil-Malti u fl-Għarbi. Daqs sena u nofs wara kiseb il-maġisteru bl-MA fil-Lingwistika Maltija.

Wara kors ieħor ta' sena jistħarreġ il-Lingwistika u l-Fonetika fl-Università ta' Reading l-Ingilterra u mbagħad sentejn oħra l-Università ta' Leeds, ukoll fl-Ingilterra, matul is-snin 1973 sal-1975 nosservawh javvanza iżjed fl-istħarriġ tal-Lingwi Semitiċi. Dwardu Fenech kiseb il-PhD mill-Università ta' Leeds bit-teżi fuq l-iżvilupp tal-Malti fil-ġurnali kontemporanji. Imma wara dan kollu ma waqafx hemm. Huwa żied

jagħmel sena oħra, ukoll fl-Università ta' Leeds, jistudja l-Ġermaniż. Fis-sena 1979 b'turija ta' apprezzament għal ħidmietu fid-dinja akkademika, il-Professur Dwardu Fenech ingħata l-F.R.A.S. (Fellow of the Royal Asiatic Society) mill-Università ta' Londra b'turija ta' apprezzament tal-ħidma akkademika tiegħu b'risq il-Malti.

**Professur tal-Malti u tal-Għarbi:**

Meta tħares lejn il-ħajja tal-iskular Patri Dwardu Fenech malajr tosserva li ħajtu kienet mogħnija u mimlija studji bla waqfien. Biss biss, il-kwantità kbira ta' lingwi li kellu jgħaddi fid-diversi korsijiet li daħal għalihom, temmhom kollha. Kiseb dejjem aktar kwalifiki universitarji, li lkoll flimkien jagħtu xhieda ta' ħajja ferm ħawtiela ta' akkademiku sod, bravu, persistenti u ġenwin.

Anka fl-istess kors saċerdotali ta' żmienu, apparti l-Malti, l-Ingliż, it-Taljan u l-Latin, is-seminaristi kollha kien ikollhom jistudjaw ukoll il-Grieg Klassiku u l-Ebrew (il-Lhudi). Jerġa', meta mar it-Tuneżija, il-kors kellu jagħmlu bil-Franċiż għaliex dak kien l-ilsien kolt tal-pajjiż.

Fl-istudji li tħarreġ fihom l-Ingilterra, taħt l-influwenza ta' żewġ skulari rinomati tas-Semitika, il-Professuri Benedikt Isserlin u Colin MacLaurin, wieħed jissoponi li, ftit jew wisq, huwa ta ħarsa lill-ispeċjalitajiet ta' dawn iż-żewġ skulari kbar. Il-Professur Colin MacLaurin, Awstraljan, kien speċjalizzat fil-lingwa Ugaritika (li snin wara huwa u jiena sirna ħbieb u midħla sew ta' xulxin) u l-Professur Benedikt Isserlin, Lhudi Ingliż, kien espert fil-Feniċju u l-Puniku li ħa interess akkademiku fil-lingwa Maltija tagħna wkoll. Mela minn dan kollu wieħed japprezza li l-iskular Fenech, biex laħħaq ma' dawn l-istudji kollha, kellu jiffamiljarizza ruħu ma' ġemgħa oħra ta' lingwi lil hinn minn dawk li kien ġa studja sabiex laħaq l-istat saċerdotali.

Mhux kuntent b'li diġà kien tgħallem huwa kompla ffamiljarizza ruħu mal-Ispanjol biex ikun jista' jaqra xi testi li kellhom x'jaqsmu mal-interessi akkademiċi tiegħu f'dik il-lingwa. B'hekk dawn il-lingwi lkoll flimkien ilaħħqu mat-tlettax-il waħda. Dan apparti d-djalettoloġija ta' wħud minn dawn l-istess lingwi bħalma kienu t-Taljan u l-Għarbi. B'din il-ġemgħa sabiħa ta' lingwi, studjuż tal-lingwa ma jdumx ma jintebaħ kemm kien armat tajjeb il-lingwista Dwardu Fenech biex b'dan it-tagħrif u tagħlim kollu, seta' jkompli jsegwi l-professjoni ta' lingwista.

**Awtur prolifiku:**

Fil-ħajja akkademika mhumiex l-ittri li wieħed iġib wara ismu li jixhdulu għerfu; lanqas it-titli ta' duttur, ta' professur, ta' *reader* jew ta' *fellow*! Il-qofol ta' studjuż, ta' skular li jiswa mitqlu, lanqas ma jixref fl-ammont ta' xogħlijiet li jippubblika jew fil-ħxuna tal-kotba li joħroġ. Għaliex fl-aħħar mill-aħħar hija l-kwalità, l-oriġinalità u l-profondità, is-sustanza li jixirfu fil-ġabra totali ta' ħidmietu, fil-kitba, fir-riċerka u fil-prattika, dik l-*ouevre*, li tqejjes il-qofol ta' għerf il-veru intellettwali!

Ix-xogħlijiet l-ewlenin li ħarġu minn taħt idejn Dwardu Fenech, l-iskular ta' Ħ'Attard, jinqasmu taħt tlett irjus: 1. Lingwa u Lingwistika, 2. Letteratura u 3. Patristika.

Mil-lat ta' lingwa u lingwistika huwa ta palata sewwa fit-twittija tat-triq għall-istudji fil-Lingwistika applikata fil-Malti fil-ġabra tiegħu *Lingwistika Ġenerali.* Hekk bis-saħħa ta' din il-pubblikazzjoni u xi monografiji oħrajn tiegħu fejn tidħol il-lingwistika, huwa kiseb id-distinzjoni li ismu ssiehem u ssieħeb mal-ftit studjużi kbar ta' qablu fil-Malti li kien għad kellna sa dak iż-żmien, fosthom Vassalli, Saydon, Cremona u Aquilina. B'dan ix-xogħol biss il-Professur Dwardu Fenech jisthoqqlu jibqa' konoxxut mal-iskulari l-kbar tal-Lingwistika Maltija fuq teoretika moderna.

Żewġ xogħlijiet kbar lingwistiċi li ħarġu minn taħt idejh flimkien maż-żewġ skulari l-kbar Ġużè Aquilina u Benedikt Isserlin, Dwardu Fenech ħejja *The Study of Maltese Dialects in the Past* u *The Phonology of Gozitan Dialectal Maltese*; żewġ opri sinifikanti li ħarġu sal-lum dwar id-djalettoloġija Maltija mill-Università ta' Leeds. Is-sena kienet 1981.

Xogħlijiet sinifikanti oħrajn mil-lingwistiku Dwardu Fenech jinkludu *L-Ortografija Moderna*; *Contemporary Journalistic Maltese*; *Three Functions of the Dual Suffix in Maltese*; *Vassalli u Kitbietu* u *Developments of the Maltese Baby* Language.

Fil-Journalistic Maltese... il-Professur Dwardu Fenech wera kif tliet gazzetti Maltin ġo Malta, kontemporanji ta' xulxin, kienu t-tlieta jużaw forom

differenti ta' Malti fil-ġurnaliżmu tagħhom.

Il-konklużjoni aħħarija ta' dan l-istudju ewlieni tiegħu kienet illi l-ġurnali tal-Partit Laburista kellhom tendenzi għal ċertu livell ta' puriżmu fil-Malti waqt li dawk tal-Partit Nazzjonalista kienu jxaqilbu lejn Malti Taljanizzat. Il-ġurnali l-oħrajn kienu dawk tal-Knisja. Dawn min-naħa l-oħra jidher li kienu jtendu lejn Malti ġurnalistiku aktar professjonali iżda b'influwenza Latina-Taljana. Dan ix-xogħol ħareġ fl-1978.

Bil-ħila ta' dan l-istudju l-iskular Dwardu Fenech wera x-xejra li l-lingwa tagħna kienet qiegħda tieħu, taħt l-influwenza ta' dawn l-użanzi ġurnalistiċi fuq il-poplu li jaqrahom.

Fil-ktieb *Vassalli u Żminijietu*, xogħol analitiku lingwistiku ta' ċerta bravura, Dwardu Fenech irnexxielu, bi sforz mhux żgħir, joħroġ għall-beraħ, x'kien dak il-kliem Malti li Vassalli kien bi ħsiebu jippubblika fid-dizzjunarju tiegħu, il-*Lexicon*, iżda li ma laħaqx inkludieh qabel mewtu u mbagħad il-manuskritt kien intilef u baqa' ma nstabx.

B'għaqal tal-iskular li kien, f'dan ix-xogħol Dwardu Fenech l-ewwel ma għamel hu li, ta stampa ċara dettaljata tax-xogħlijiet kollha ta' Vassalli. B'hekk huwa ttama li jħejji lill-qarrej bi sfond sod tal-ħsieb Vassalljan u b'hekk jgħin lill-qarrej jifhem aħjar il-konklużjonijiet lingwistiċi tiegħu dwar l-etimoloġija tal-*Lexicon* Vassalljan. Dan ix-xogħol hekk interessanti u sinifikanti fl-istudji tal-Malti nħareġ fl-1977.

Insibni nistagħġeb meta nara li din il-ħidma partikolari ta' Fenech donnha ma tantx impressjonat lil-lingwisti Maltin skond in-nuqqas ta' interess li ġeneralment intwera lejh. Ingħid hekk għaliex dan l-isforz akkademiku ta' Dwardu Fenech huwa xogħol ta' ħidma sfiqa ta' sabar konsiderevoli, ta' ċerta reqqa u ta' analiżi lingwistika, apparti milli biex saret, kellu jkun mhux biss lingwista l-awtur li daħal għaliha, iżda ried ikun ukoll mogħni b'tagħlim u tagħrif ta' numru ta' lingwi, fosthom il-Malti antik, il-Għarbi, il-Latin, it-Taljan u rqaqat lingwistiċi oħrajn, bħal ngħidu aħna ċerta familjarità mal-Grieg Klassiku, mal-istoriċità soċjali u l-storjografija ta' żmien Vassalli u ta' qablu, li jixirfu inti u miexi tul il-medda tax-xogħol Vassalljan. B'risq din il-ħidma unika, Dwardu Fenech witta għall-istudjużi kollha ta' lsienna, it-triq għal fehim usa' tal-linja lingwistika ta' Vassalli.

Punt sinifikanti ħafna li Fenech sata' saħaq fuqu u baqa' ma qal xejn dwaru f'dan ix-xogħol hu li fl-*Appendiċi Etimoloġika u Komparattiva*, ix-xogħol tiegħu kien jikber iktar fil-mertu li kieku mat-tifsira Latina ta' Vassalli huwa reġa' ta t-tifsira mill-ġdid bil-Malti ħalli juri d-diverġenza semantika li spiss tispikka fil-vokabularju. Għaliex illum wisq aktar minn dari, huma bostana dawk l-iskulari li ma studjawx il-Latin.

Nagħti ftit eżempji biex niċċara l-punt tiegħi. Għall-kelma "xxennaq" jagħti l-frażi Latina "flagro desiderio" waqt li b'dan il-verb aħna fil-Malti nifhmu "xtaq bi ħrara kbira" u/jew "miklub għal xi oġġett". Il-frażi Latina ma ssarrafx dan is-sens. Xi eżempji oħrajn, mingħajr ma noqgħod nidħol f'dawn l-irqaqat kollha jinkludu: "ruħ" li jqabbilha ma' "pneuma", kelma Griega li tfisser "riħ". Verament li Vassalli fil-*Lexicon* tiegħu ukoll jagħti din l-istess tifsira iżda fil-*Lexicon* huwa jinkludi t-tifsira li nagħtuha fil-Malti tal-lum tal-ispirtu (ir-ruħ) li r-reliġjonijiet jemmnu li għandu ġo fih kull bniedem. F'każi bħal dawn, fejn il-kelma Maltija llum saret arkajka, nifhem li kien xieraq u siewi mhux ftit li kieku Fenech ta spjega ta' dan. Eżempju simili hija l-kelma "bostân" fejn Vassalli, bir-raġun kollu, jirrendiha biss bit-tifsira ta' żmienu. Naħseb hawnhekk ukoll Fenech sata' spjega l-qedem tal-kelma waqt li jagħtiha tifsira moderna tal-aġġettiv ta' bosta. F'ġabra kliem ta' dan il-qedem wieħed jistenna ċerta elaborazzjoni biex b'hekk jiċċara l-ħsieb u fl-istess ħin huwa jgħin qatigħ lill-istudjuż. Fl-aħħar mill-aħħar wara analiżi u riċerka ta' din ir-reqqa ma kienx imur żmerċ b'din iż-żjieda.

Fl-1984 il-Professur Dwardu Fenech ippubblika trattat dettaljat fuq il-*Lingwistika Maltija*. Dan kien l-ewwel studju fuq il-Lingwistika Maltija li nħareġ sħiħ bl-irqaqat kollha tal-Lingwistika Maltija wara l-ewwel sforzi bikrija ta' Vassalli u mbagħad bosta snin wara fl-1955 dak ta' Aquilina fl-i*Structure* li huwa xogħol miktub bl-Ingliż waqt li l-ħidma ta' Fenech ħarġet bil-Malti u hija aġġornament elaborat lilhinn minn ta' Vassalli u ta' Aquilina. Bil-*Lingwistika Maltija*, Fenech żied jgħolli l-istudji ta' lsienna fuq bażi xjentifika paripassu mal-lingwi l-kbar fid-dinja tat-tagħlim.

**[It-tieni parti titkompla fil-ħarġa li jmiss ta' IL-PONT]**



## ĠORĠ PISANI: IL-BNIEDEM TAĦT IL-QOXRA TAL-POETA

**Jikteb Joe Camilleri**

*Ġorġ Pisani twieled ir-Rabat, Għawdex, fis-6 ta' Mejju 1909 u miet fl-istess post fl-24 ta' Frar 1999. Huwa kiteb poeżiji, drammi, rumanzi, saġġi u anki studji folkloristiċi.*

Fil-poeżija "Lil Palma Xiħa", Ġorġ Pisani jagħlaq l-aħħar kwartina b'żewġ versi qawwija: "jien fil-għana nħalli qalbi / għax fil-għana ngħix bla tmiem." Min kien dan il-bniedem li ħaddan ukoll il-motiv Orazjan u b'mod romantiku tant emmen fis-setgħa u fl-immortalità tal-arti tiegħu? X'kien hemm moħbi taħt il-qoxra tal-poeta li tana lirika mimlija melodiji u kuluri, li ħolqilna xeni ħajja ta' Malta tal-qedem, li ħallielna versi li wħud minnhom messew ruħ Malta u li baqgħu proverbjali?

Ma' Ġorġ Pisani kont iltqajt kmieni ħafna fil-ħajja tiegħi. Billi l-lukanda ta' nannuwi – l-Imperial Hotel - kienet kważi faċċata ta' daru, mhux biss kont narah dieħel u ħiereġ imekkek, imma kemm-il darba xiref sa għandna. Kont nibqa' b'ħalqi miftuħ inħares lejn dan ir-raġel sinjorili, irqajjaq u żnell, b'wiċċ qisu tal-kina, bl-għadmiet ta' ħaddejh imqabbża, bi swaba' ta' pjanist u b'riġlejn ħfief u nervużi. F'għajnejja, kien il-poeta li kellu s-seħer jikteb il-versi "Il-Bews tal-Mamma" u "Ħamiema Bajda" li konna ntenni b'kantaliena fl-iskola. Biż-żmien, dan il-ġentlom erudit kien għalliem tiegħi. Sirna ħbieb u għal snin twal ħdimna flimkien fil-Kumitat tal-Kultura u fi programmi soċjo-kulturali għar-radju u għat-televiżjoni.

Fil-Liċeo, ma' Ġorġ Pisani konna nqattgħu sigħat sħaħ għax minbarra l-Malti kien jgħallimni wkoll it-Taljan u l-Istorja. Ikolli ngħid li t-tagħlim kien jiġri f'demmu għax għalkemm ma kellux taħriġ pedagoġiku, kien mogħni b'sens komun kbir u kellu xejriet progressivi. Kien iħeġġiġna nitkellmu, naqsmu l-esperjenzi, nistħarrġu u nistaqsu. Ir-regoli tal-grammatika joħroġhom b'mod indirett mill-ilsien mitkellem. Waqt il-lezzjoni tat-Taljan iridna nikkomunikaw ukoll b'dan l-ilsien. Fil-*homework* qajla kien jemmen; aktar kien iħaqqilna fuq il-qari għalkemm f'Għawdex, il-kotba fl-idejn kienu rari daqs il-lussu. Ġorġ Pisani kien intelliġenti, kult, prattiku, mogħni b'viżjoni ċara, b'ħakma fuq il-lingwi u mdawwal b'ħażna ta' esperjenzi mis-safriet tiegħu. Magħġuna ma' komunikattiva tajba kienu jiżguraw lezzjonijiet eċċitanti. Imma kien ibati wkoll bil-burdati. Jiġu waqtiet meta moħħu kien iberren fuq xi ħaġa oħra. Jagħtina x'niktbu, jintefa' f'ħoġor it-tieqa mberrħa u donnu moħħu jintilef. "Ġietu l-Muża," konna niddieħku. U tibda x-xalata ta' inbix u kummenti minn taħt. Xħin jiġi f'tiegħu f'daqqa waħda, kienet bħal taqbdu fixla, isir nervuż u ġie li fajjar il-*copies* bl-addoċċ kif kienet id-drawwa. Flok il-*copies* bdejna rressqulu kull kitba li tiġi għal idejna. Arah jinża' n-nuċċali u waqt li jwaħħal ħarstu fil-baħħ, jibda jiffirma. U aħna nogħrku jdejna għax mingħalina li għaddejnieh minn għajn il-labra. Ma ntbaħniex li Ġorġ Pisani kien diplomatiku aktar minna u jaf meta kellu jinsa u jagħlaq għajnejh it-tnejn. Fuq kollox kellu qalb tad-deheb u kien iħobb lill-istudenti għax tamietu kienet fiż-żgħażagħ.

Il-kwalitajiet sbieħ tiegħu kienu kalamita. Kien l-aktar għalliem popolari fil-Liċeo li miegħu l-istudenti kellhom rapport reċiproku eċċellenti. F'kultura ta' etikett u normi Vittorjani, lill-għalliem konna

nindirizzawh bħala Sir u qatt bħala Mr. Imma lil Ġorġ Pisani konna nindirizzawh bħala Sur Ġorġ. Kien ukoll l-għalliem waħdieni li laqmu qatt ma qabad art. Għax għalina kien ħabib. Kienet drawwa fost xi studenti tal-kwinta li fl-għaxijiet tal-btajjel joħorġu jippassiġġaw miegħu. Meta reġa' fetaħ l-Uffiċċju tal-Informazzjoni u s-Sur Ġorġ reġa' ħalliena konna għamilnielu festa kbira u rfajnieh fuq l-ispallejn. Dakinhar rajtu kommoss ħafna u bilkemm felaħ ilaqlaq kelma. B'danakollu, bħala Uffiċjal tal-Informazzjoni kien aktar f'postu u għal qalbu.

F'żgħożiti, jien ukoll sirt wieħed mill-klikka tal-qrib. Konna nħobbu nagħmlu passejn min-naħa għall-oħra tat-Tokk, inkella nduru l-Imsieraħ tar-Rabat jew ninżlu sa Wied il-Lunzjata. Il-par dejjem f'idejh. Kont tieħu gost tisimgħu għax jaf jitkellem fuq kollox u jżomm it-taħdit ħaj. Fis-sajf l-għaxqa tagħna mmorru l-festi tal-irħula għax is-Sur Ġorġ kien iħobb iċ-ċelebrazzjoni, il-massa, iċ-ċaqliq, l-attività u l-kuluri mżewqa tal-ħajja. Erħilu jdendlilna tmintax irbiegħi biex nixtru xarba għax idu miftuħa. Niftakar l-aħħar darba li ħeġġiġna nbillu griżmejna kienet fil-festa tal-Għarb. Xħin ħriġna mill-ħanut, ma sibniehx b'nemes. Saqajh kienu ħaduh fejn mexxietu qalbu. Wara żmien twil għażeb, is-Sur Ġorġ kien sab is-sieħba. Sirna nafu wkoll lil Rose, mara serja, iżda dħulija u komplimentuża, għaqlija, tal-ġabra, nadifa xummiema u reliġjuża. Bejnietna nibet rispett reċiproku.

Naħseb li kienet ideali għal ma' żewġha għax is-Sur Ġorġ kien ukoll bniedem pulit u pitma għall-kura tas-saħħa u l-ħarsien tal-iġjene. Nafu jteftef l-ikel, joqgħod b'seba' għajnejn għad-dieta, u minn barra d-dar ma jmiss xejn b'ħalqu. Biex jgħin id-diġestjoni erħilu jagħmel passejn mat-toroq tar-Rabat waqt li jpejjep sigarett. Fil-fatt, f'kultura fejn it-tipjip kien sinonimu mal-qalziet twil, ta' kuljum, is-Sur Ġorġ kien ipejjep biss erba' sigaretti fini tad-ditta Kent, dejjem wara li jitrejjaq. Kien joqgħod attent ukoll mit-turġien. Jekk jilħaq jinġabar fuq, lanqas jekk iddiehbu ma jerġa' jinżel. Min jaf kemm ilħaqna morna għandu biex nikkunsultawh dwar problemi li jkunu nqalgħu waqt xi pjan kulturali u hu jkellimna mit-tromba tat-taraġ. Fil-quddiesa, kif l-abbati jċenċel il-qanpiena, arah jitla' jgħaġġel biex jitqarben l-ewwel wieħed qabel jinħoloq il-periklu li s-swaba' tal-qassis imissu max-xoffa ta' xi ħadd. Fejn jidħol il-ħarsien ta' saħħtu nafu jimxi b'regoli stretti.

Imma ħaġa tal-istagħġib, dar-raġel serju li ma jħallix ħalqu mċarrat fi tbissima, ċajta kien jikolha bħall-ħobż. Ġie li pperikola ż-żamma tad-dixxiplina għax laħaq iċċajta magħna l-istudenti. Niftakar darba smajna l-qniepen tal-Katidral inaqqru bi kbir. "Min miet Sur Ġorġ?" "Miet Pavia." "Pavia min hu?" "Pavia, joqgħod it-tiġrija, u għandu gallerija, miżżewweġ lil Marija, din mara mill-Belliegħa..." u ssokta jqabbel sakemm infqajna nidħku. Kellu sens ta' umoriżmu fin, iżda kemm-il darba wasal biex għamel ċajt goff. Lill-Pirjol tal-Agostinjani kien qallu li ser jagħtih għoġla biex jagħmilha lotterija. (Issa s-Sur Ġorġ mhux talli ma kellux baqar, imma kien jitwerwer mill-bhejjem tal-ifrad.) Fl-innoċenza qaddisa tiegħu, il-patri niżżilha sa griżmejh u mill-għada beda jikteb il-biljetti. Tela' raħħal minn Kerċem, ġolf stramb, pikuż u jasal. Ried il-premju minnufih. F'każijiet bħal dawn meta ċ-ċajta tkun ser iddur fuqu jew tispiċċa bil-ħażin, is-Sur Ġorġ kien jaf idabbar rasu. Jitfa' l-ġebla u jaħbi idu. Iżda din id-darba kienet id-diplomazija u l-persważjoni tiegħu li salvaw lill-imsejken patri milli jaqlagħha fuq ħalqu.




Għax is-Sur Ġorġ kellu d-don tal-kelma. Mhux biss biex joħloq, jirrakkonta u jagħġen il-verità mal-

leġġenda mingħajr ma tintebaħ, imma wkoll biex jagħmel ġid soċjali u morali. Kien oratur. Jinqeda b'kelma sempliċi, iżda konvinċenti, imwassla b'ħila, b'enerġija ritmika u b'kuraġġ. Stqarr kemm-il darba li "l-kuraġġ jagħti forza lill-argumenti." Il-kelma kien jaf jitfagħha mielsa b'żegħila. Inkella jsinnha biex taqta' fil-laħam il-ħaj. Imma dejjem bi prudenza, mitluqa b'diplomazija. Moħħu kien jilħaqlu. Il-kelma jbenġilha bis-satra tal-metafora jew tal-ewfemiżmi biex iwassal il-messaġġ mingħajr ma jxellef difru ma' ħadd.

Is-Sur Ġorġ kien attur minn qaddisu u uża s-sengħa tal-palk mhux biss bħala drammaturgu, imma wkoll fil-ħajja pubblika, biex jikkomunika, jeduka, idawwal u jikkonvinċi. Il-ħeġġa dinamika tiegħu ħadmet il-mirakli fil-ġabra tal-qamħ fl-aħħar gwerra dinjija. Il-kelma persważiva tiegħu kienet bħal duwa tal-Madalena fuq il-ġerħa tat-telqa u għolliet il-moral tal-poplu. Wara l-gwerra niftakar leħnu mħeġġeġ idamdam fil-mikrofonu quddiem miġemgħa waqt il-konferenzi edukattivi u l-films li kien jorganizza fil-beraħ fl-irħula. In-nies, għatxana għat-tagħlim kienet titgħaxxaq tisimgħu. Ngħid li l-Għawdxin kienu mkabbra bih għax fih mhux biss sabu l-poeta li ta l-għanja lill-Għawdex, imma wkoll wieħed mill-intelliġenzja li b'ħiltu u b'ħidmietu kien qiegħed jaħdem għall-progress soċjali.

U s-Sur Ġorġ kien hieni b'dan l-għarfien. Fil-fatt, dejjem nafu joqgħod b'seba' għajnejn biex ma jħalli ebda inċident itappanlu l-istima li kien igawdi. Dak li ma jogħġbux, kellu ħabta jostru. Bħal kull maħluq, l-inċens tal-glorja kien ixommu jfuħ. Meta kont qiegħed inħejji s-sensiela bijografika għall-programm televiżiv "Għawdex Illum", għamiltlu xi mistoqsijiet dwar l-esperjenzi bħala novizz fil-kunvent tal-Kapuċċini meta kellu l-isem ta' Fra Alipju. "Qatt kellek xi ndħil jew pressjoni minn xi superjur biex taqta' l-kitba bil-Malti?" staqsejtu. "X'jinteressaħ dan lill-poplu? Dawn mhumiex affarijiet importanti." Flok wieġeb beda jisħon. Sar nervuż u mifxul. Kont naf li dan l-għemil kien parti mit-targa ta' difiża tiegħu. Kien kollu reċtar biex jaħrab milli jirrikordja tweġiba. Ċerti episodji f'ħajtu ried jinsiehom forsi għax dewquh il-kalċi tal-imrar għalkemm id-deċiżjonijiet li kien ħa ma wrewhx għajr bħala sinċier u bniedem ta' karattru qawwi. Forsi xtaq jistorhom għax lill-kompajżani riedhom jibqgħu jarawh dejjem f'dawl sabiħ bħala mudell ideali. Ma ninsewx li Ġorġ Pisani kien wieħed mill-ftit li bnew ruħ in-nazzjon.

Lil Malta ħabbha b'imħabba ġenwina, u diżinteressata. Ġorġ Pisani kien patrijott. Għal Malta ħolom ġejjieni sabiħ u mdawwal, Malta fl-Ilsien u l-qalb, Malta Maltija. Għawdex kien il-mimmi t'għajnejh. Tassew li fil-poeżija Ġorġ Pisani jidher idilliku u aktarx sajjem mill-kumment soċjali. Imma Pisani kien Romantiku u fuq kollox, il-pożizzjoni sensittiva tiegħu fiċ-ċivil rabtitu milli jiżżeffen fil-kontroversja. Ġie li akkużawh li lil Għawdex xtaq iżommu fl-istat ta' presepju. Din ma kinitx il-verità. Kien jemmen fi żvilupp bilanċjat u sostenibbli u semma leħnu kontra żvilupp li beda jhedded l-ambjent. Emmen qatigħ fil-potenzjal turistiku ta' Għawdex jekk dan iżomm bla mittiefsa s-sbuħija u l-karatteristiċi partikulari tiegħu. Kien minn tal-ewwel li ħaqqaq fuq il-ħtieġa tal-pubbliċità turistika u tal-attrazzjonijiet għat-turisti. Ma' dan żewweġ il-ħtieġa tat-tixrid tal-kultura tal-poplu u t-tferrix tal-edukazzjoni sekondarja. Ġorġ Pisani emmen li l-edukazzjoni kienet il-kura għall-mard soċjali u morali kollu. Kemm saħaq fuq il-kruha tal-fanatiżmu parrokkjali. Kemm ħambaq u kiteb biex jipprova jdewwi l-firdiet u t-tilwimiet parrokkjali fir-Rabat u bejn l-irħula. Niftakru dejjem jgħid b'konvinzjoni li kull meta għamlu bina li riedu u Għawdex ma ħax li ħaqqu, għax sabuna mifruda bejnietna. L-għaqda nazzjonali kienet il-mimmi t'għajnejh u ħolomha sa minn żgħożitu.

Il-poeta telaq. Imma l-għanja tiegħu baqgħet. U mill-versi mqanqla u mlewna tibqa' toħroġ ir-ruħ sensittiva tal-artist li ħass id-dmir li jxandar il-kobor t'Alla. Joħroġ il-leħen tal-patrijott li kellu l-viżjoni li wara s-sagrifiċċju ta' mħabba totali, artna għad tħaddar, ifuru bil-ġwież l-għelieqi tagħna, jixrob u jiekol kulħadd, jitbahardu bosta u kull qalb tisbaħ ferħana. Għalhekk dan l-iskizz ħafif u umli ħareġ minn qalbi, għalih, għas-Sur Ġorġ, l-għalliem tiegħi, il-viżjonarju li ġagħalni nħobb lil arti u lil ilsieni, li wrieni s-seħer u s-setgħa tal-kelma. Għalih biex nibqgħu niftakruh b'għożża, b'rispett, b'ħajr u b'apprezzament.



## TOTH ARPAD - A POET FROM ROMANIA:

**Toth Arpad** (penname Artangel) is a prominent poet and prose author in contemporary Romania. He was born in Săcele, Braşov, where he finished his first grades, then he moved to Covasna County where he became, as a student, an award-winner in poetry and Romanian language and literature competitions and olympics, at Păpăuţi and Târgu-Secuiesc.

His academic background includes two university degrees (Civil Law and Silviculture). He developed all his career serving as a ranger, at this time in the Comandău Ranger's Office, Human Resources Department.

Married with children, Toth Arpad is also very active in the field of literature. He published more than a dozen of literary works and his poems were highly praised by readers and critics. His most popular work is *Man's Close Encounters With The Brown Bear* poetry book series.

**MOTHER EARTH**

She is preserving life since the beginning of times,
She is offering flowers and food to us,
We are disturbing her with our waste,
We are people, why don't adore her?
She is giving us great food
Staying together with the eternal sun
We have to praise Jesus and His Mother
We have to say: "They are from the sky!"
Great flowers are coming from the ground
Their fragrance is a gift to us
But when the earth is back with a vengeance
The earthquakes are to cluster.
The ground slides when the forests are gone,
There is nothing able to stop it.
We must pass the woods' legacy
To our nephews, as a reason of joy.
It takes a decade to see the heavy clay
But we step on it without a care.
This biological factory, if we disturb it,
Would it start shaking the ground?
If the seeds are planted in fine earth,
They will grow, as all the ancestors know,
And new and strong forests will coming up.
I love the Earth, I love my mother!
She loves us as a good mother,
If we are wrong, she let it go,
She forgives us many times,
But we fail, all in all!
We stay together admiring the sky,
The leaves of grass are seeking light.
If the grounds and skies will disappear,
Will the humans fight anymore,
Will they be angry anymore?

**AUTUMN**

Leaves of autumn spread their savour
Coloured trees make the forest richer,
The stags are engaging on the stairs of love
Crystal-clear springs bathe in their own whispers.
Dead boughs crunch and die under foot
Hidden deep down under the leafy carpets
The leaves are soaring in the dance of fall,
The winds whistle. A drama…faraway…
Sunlight pervades the thick canopy,
A hazel hen, one of the rarest birds
Stays here in the woods of our land.
A group of wild boars run to find beechnut.
White and brown mushrooms grow here and there,
Tracks are making your heart to beat faster
It is said it is easier to walk downwards,
But you can't run anymore. Pity!
Deer of the grassland in the morning
Are going to the woods, it is their life,
They head softly to the springs
While the cold rime covers the leaves.
Bears are coming to eat plums in the gardens,
They break a branch… plums are so good!
The man is checking his own garden,
Asking himself how could the bears steal
With the lights out…

The corn in the fields, if you are late
The wild boars will take no other choice…
They nuzzle the potato rows
And make them come to light. Bad guys!
If you taste water of the spring, it's cold
Its whisper is a spell for everyone.
The stags are calling in the morning
The young ones are not lucky in fights.
The rust of the fallen leaves
Pervades the eyes and the shy hearts.
They are getting big with joy
Or it is just the mother nature's trick?

**(From *Whispers of the Wild*,**
**translated into English by Dragoş Barbu)**

**THE SQUIRREL**

Bushy-tailed, looks as a cake,
And she is not afraid of the snake
In the trees she likes to play,
And her fur is thick as hay.

Spending life inside a pit
Hazelnuts she likes to eat.
Jumping high, from branch to branch
Searches for a meal to crunch.

**LITTLE ANGEL**

Little angel, my wing bearer
Come to me and guard me, too
A small cluster, this white flower
Here I have, my gift for you!

If I run and fall, someday
Please come over, in your flight
When mum ticks me and she's right
Protect me, that's not my way!

**THE WILDCAT**

All her tail is a ring
And she doesn't miss a thing
Every bird is loosing a feather
To her paws, not to the weather.

In the forest, every day
Many hours she can stay
And she knows best how to stalk
Through the snow, when mice can walk.

**THE FOX**

Is he red and very clever?
Everybody knows, however!
Always loves to grab a hen…
Neighbours, catch him if you can!

His path is not hard to know,
Oval footprints in the snow,
In the forest, here and there
In the hencoop, anywhere.

**(From *Queen of the Nature and her Children*,**
**English version by Dragoş Barbu)**

**About the translator:**

Dragoș Barbu is an award-winning translator and author in contemporary Romania. He was born in Brașov. He has done a large number of translations and was awarded the "Best International Translator of the Year" (2008, 2011), prizes granted by Int'l Poetry Translation and Research Centre, Chongqing, China. As a prose author he was awarded Merit Prize (2014) from Naji Naaman Foundation. Dragoș Barbu is the member of International Literary Academy of the Italian-Australian Writers, Melbourne, Australia.



**Dragoș Barbu**



**_RIĦ, RAMEL U KWIEKEB_ ta' Antoine de Saint-Exupery**

**Traduzzjoni ta' Victor V. Vella**

*(L-awtur ta' dan il-ktieb li minnha hi meħuda din it-traduzzjoni twieled fi Franza fl-1900. Laħaq pilota fl-1921 u serva bħala pilota-postier, meta t-titjir kien għadu fit-tfulija tiegħu. Intilef fid-deżert Saħara, imma rnexxielu jsalva. Ħa parti fit-Tieni Gwerra Dinjija: tilef ħajtu f'bombardament fl-1944, x'aktarx imwaqqa' minn fajter Ġermaniż)*

Jixraq li ngħid xi ħaġa fuq l-aqwa għodda tagħna li hu l-ajruplan. Qatt ħarist sewwa lejn ajruplan modern? Qatt innotajt min sena għall-oħra l-bidliet li saru… l-evoluzzjoni tal-linji li fih...? Qatt ħsibt mhux biss fuq l-ajruplan imma fuq kull ħaġa li jibni il-bniedem, li kull sforz industrijali, kull kalkulazzjoni u tfassil li jagħmel, kull lejl li jgħaddi jagħmel pjanijiet u jpinġi u jħażżeż *drafts* bla dubju jwasslu biex jipproduċu jew joħolqu xi ħaġa li wara kollox juru l-prinċipju tas-semplicità.

Donnu li hemm liġi naturali li tmexxina biex nilħqu dan l-iskop: li nirfinaw is-sieq ta' biċċa għamara, jew ta' brim u liwi ta' pruwa ta' vapur. Jew nirfinaw il-pruwa ta' ajruplan sakemm bil-mod il-mod tiġi tixbah il-purità elementali tal-forma ta' sider jew ta' spalla ta' bniedem jew bniedma. Dan hu riżultat ta' ħafna xogħol u esperimenti, ta' ħafna ġenerazzjonijiet ta' nies tas-sengħa. F'kollox donna li aħna imbuttati biex naslu għall-perfezzjoni. U din il-perfezzjoni nsibuha mhux meta hemm xi ħaġa li nistgħu nżiduha ma' dak li nagħmlu jew noħolqu, imma meta naslu fi stat li ma jkun hemm xejn iżjed li nistgħu nneħħu... Biex ngħid hekk meta ġisem, statwa, dgħajsa tibqa' waħedha bħala bniedem għarwien.

Din il-perfezzjoni tal-invenzjoni tieħdok mingħajr ma trid fit-tifsira tal-invenzjoni. Iġġagħlek taħseb li meta l-għajn tal-bniedem tiskopri linja timxi fuqha b'ċertu serħan u sodisfazzjoni . Il-linja hi fejn hi ma kinitx xi ħaġa li ivvinta jew ħoloq hu, imma l-linja hi xi ħaġa li kienet teżisti diġà u li l-inġinier, l-artist, kien kapaci biss joħroġha min-'natura', mill-'ġebla fejn kienet moħbija.' Din l-idea li l-istatwa hi moħbija fil-blokka tar-rħam u li l-artist biex ngħid hekk iqajjimha mir-raqda, hi storja antika. Li l-iskultur iħoss li hu mhux joħloq u jivvinta imma jeħles l-istatwa mill-ħabs tar-rħam, tal-ġebla u l-bqija.

B'dan l-ispirtu l-inġiniera, li jaħdmu fuq it-titjir jirfinaw ix-xogħol li jagħmlu. Ma l-ewwel daqqa ta' għajn jagħtik x'taħseb li qegħdin jillustraw dak li ħolqu oriġinarjament, u jillixjaw l-angli u t-tumbati żgħar, u jaħbu jew iwittu dak li jidher jew jinħass jistona… Sakemm fl-aħħar tidher ħaġa kompluta, perfetta, ħolqien ġdid, bil-partijiet tagħha kollha poġġuti f'ħaġa waħda u jiffittjaw flimkien bħala sinfonija jew poeżija.

Sakemm il-ħaġa kompluta, tant issir perfetta u raffinata li tidher naturali daqs cagħqa ttondjata u llixjata mill-mewġ tal-baħar. Tant tilħaq ċerta perfezzjoni fid-deher u wkoll kif taħdem li min jużaha, ngħidu aħna il-pajlit ta' ajruplan, jinsa li qiegħed isuq ajruplan.

Kien hemm żmien meta pajlit kien ikun fil-gabina imdawwar b'inġenji u arloġġi kkomplikati. Il-minutieri tal-istrumenti kienu jippreparawh għal elf periklu. Imma fil-magni tal-lum, ninsew li hemm il-magna li qiegħda taħdem. Fl-aħħar, il-magna waslet biex taqdi dmirha, li taħdem bħalma taħdem il-qalb… fil-fatt ma tantx nagħtu kas tat-taħbit tal-qalb sakemm tkun taħdem sewwa.… B'hekk il-magna, billi issa waslet fil-quċċata tal-perfezzjoni, iġġegħelna ninsewha minflok ma toqgħod tfakkarna

li qiegħda hemm taħdem u tħabbat!

Permezz tal-magna (f'dan il-każ tal-ajruplan) is-sabiħ tan-natura iktar isir reali għax nistgħu ingawduh. Mhux veru li l-invenzjojnijiet ibegħduna min-natura: hu minħabba u permezz tal-metall li l-pilota jista' japprezza u jesplora n-natura. Il-magna ma tifridx jew tbiegħed il-bniedem mill-problemi u s-sbuħija tan-natura imma ddaħħlu iżjed ġo fihom.

Kienu ħafna li daru kontra u kkundannaw iċ-ċiviltà tal-magni bħala l-għadu taċ-ċiviltà u tal-progress spiritwali tal-bniedem… żgur li l-magna ma jista' jwaqqafha ħadd … daqs kemm nistgħu nwaqqfu lill-baħar li jibla' l-art meta jfettillu. Ruxxmata ta' skużi jżommuna li ma mmorrux lura u nkissru dak li rnexxielna nivvintaw u nduru għall-magħżel u għall-moħriet (miġbud mill-ħmar). Mahatma Ghandi pprova jagħmel hekk: kien naqra bniedem semplici bħal ngħidu aħna tifel li jipprova jiżvojta l-baħar b'naqra ta' kikkra.

Insibha diffiċli nifhem il-filosofija ta' dawn in-nies. Qatt staqsew lilhom infushom din il-mistoqsija, Kif xi ħadd jista' jgħid li l-magna hi kontra l-bniedem? L-ikbar ġlieda tal-bniedem hi li jsib mod kif jasal biex ikun jaf u jifhem lil sieħbu hu fejn hu, u li jingħaqdu flimkien għall-ġid tagħhom stess. U hu dan li l-magna bil-ħafna forom tagħha tgħinna li nagħmlu għax huma l-magni li jgibu l-ħin u l-ispazju fix-xejn. Permezz tal-'magna' jien li qiegħed Franza nista' nkellem lil ħabib tiegħi li qiegħed l-Amerika.

Il-magna hi biċċa għodda. Hi biċċa għodda bħalma l-moħriet kien biċċa għodda. Il-mikroskopju hu bicca għodda. (Għiduli intom) xi ħsara nagħmlu lill-ħajja tal-ispirtu meta aħna nistudjaw u nanalizzaw l-univers permezz ta' biċċa għodda li ġiet ivvintata bix-xjenza? … Jista' jkun li f'xi każi qegħdin insiru s-sefturi tal-magni, bħalma jgħidu ċerti filosofi. Imma bil-mod il-mod il-magna saret biċċa minna, saret parti mill-umanità. Għall-ewwel il-ferroviji kienu mostri tal-ħadid. Biż-żmien insejna li kienu tal-ħadid għax saru parti mill-ħajja tagħna.



## Gwakkin u t-Tqassim tal-Voti
**ta' Carmen Refalo**

"Mela ma kellekx tmur taqta' xagħrek għand Marjoża dalgħodu?" staqsietu Filomen kif ratu dieħel fil-kċina wara li semgħetu dieħel minn barra.
"Kukinu stordieni jistenniek," kompliet Filomen,
"Ġej u sejjer minn wara l-bieb u kull meta jfettillu jiġi jinbaħli fil-kċina. Bdejt nistħajlu jgħidli biex inġibek hawn; tgħidx kemm-il darba għidtlu li daqt tiġi imma b'xejn ma ried jaf."
"Tridtx tħallieni Men; kellha ħanut mimli nisa u kif dħalt mal-ewwel dort biex nitlaq. Meta riditni nibqa' hemm staqsejtha jekk kellhiex ħin tagħmilli ftit *highlights* vjola. Kulħadd infaqa' jidħaq u Marjoża ma felħetx tirrispondini."
"Sewwa għamlet ma kellmitek xejn; dejjem tivvintalha xi waħda int. Dik tieħu qatgħa malli tarak dieħel fil-ħanut."
"U mur 'l hemm; ma ndunajtx li Marjoża kompliet miegħi? Ħarset lejn il-ħin u qaltli biex nerġa' mmur bħal-lum ġimgħa, jumejn wara l-elezzjoni. Hi u tniżżilni fil-ktieb tal-appuntamenti għidtilha biex ma tinsiex tingassani jekk nitilfu aħna; jekk fil-każ ma jkollhiex x'taqtagħli għax inkun diġà qtajt rasi barra jien. U erġajt fqajthom bid-daħk kemm lil dawk ta' magħna u kemm lil dawk ta' kontra tagħna."

Sadattant Kukinu tela' miegħu, imlielu wiċċu bin-nuċċali b'kollox bil-bews u niżel ixommlu dak li kellu fil-basket tax-xirja. Ġwakkin poġġa l-basket fuq il-mejda, qagħad bilqiegħda, tella' jdejn Kukinu fuq irkopptu biex qabad jgħannqu u jbusu kemm jiflaħ. Lil Kukinu kien iħobbu wisq; lanqas induna li kien irnexxielu jġiegħel lil Mena titbissem bla ma tkemmixlu xofftejha.

Wara xi siegħa xi ħadd ċempel il-qanpiena tal-bieb u Ġwakkin telaq jara min kien ġie; mill-inbieħ tal-kelb induna li ma kienx xi ħadd tas-soltu. Qabel ma fetaħ il-bieba bexxaq il-purtella ta' fuq u Kukinu kien pront tela' magħha u fetaħha beraħ. Kien hemm Pulizija ma' tnejn min-nies jistennew isfel fejn jibda t-taraġ ta' barra. Ġwakkin mal-ewwel induna li kienu ġew iqassmu l-Voti. Kien ser jifthilhom fil-pront, imma ftakar li ma setax; qalilhom biex jistennewh sakemm jorbot lill-kelb. Dawk ħadu r-ruħ; Kukinu ta' kelb kbir li kien, meta ma jħossux komdu, kellu ħabta jbiddel in-nebħa tas-soltu, għal waħda li tixbah ragħda ħoxna ħierġa minn sħaba sewda fil-qrib.

"Ġew tal-Voti," qal lil Filomen.

Ġwakkin sab iċ-ċinga u Kukinu qagħadlu biex jorbtu; għalih kien ifisser li Ġwakkin kien se jieħdu barra miegħu.
"Ħa... żommu naqra fil-kċina Men ħa mmur nifthilhom."
"Mhux hekk nibqgħu! Mela jien niflaħ inżommu. Ma tafx li jdejja ma jagħtunix."
Kukinu għalkemm jimxi fuq erba' saqajn induna x'kienu ser jagħmlu. Għalhekk kif Ġwakkin tfettaħ u tbaxxa biex jorbtu ma' sieq il-mejda, Kukinu kien pront għadda minn taħtu biex ħarablu għall-kurutur; la Ġwakkin u lanqas Filomen ma setgħu jaqbduh.
Lil Ġwakkin qabad ser jitlagħlu San Filep,
"Ikolli noħorġu miegħi Men; mhux ħa nħallihom jistennew iżjed wara l-bieb," u qabad miexi 'l barra.
Kukinu mar warajh, wasal qablu u reġa' qabad jinbaħ wara l-bieb sakemm stennieh iżommlu ċ-ċinga. Il-kelb kien kbir u b'saħħtu u Ġwakkin ma kienx għadu żgħir. Huma u neżlin it-taraġ Kukinu għamel bħas-soltu; tah ġibda tajba u ċ-ċinga ħarġet ħelu ħelu minn bejn idejh. Sadattant Filomen kienet pronta niżlet tħaffef mit-taraġ tal-kċina li jagħti għall-garaxx u leħqet ħarġet tittawwal barra.
Bla ma riedet qabdet tgħajjat kif rat lil żewġha jitbandal, ħa jaqa' u ma jaqax u kif semgħuha twerżaq il-Pulizija u ż-żewġ rappreżentanti tal-Partiti ġrew lkoll biex qasmu t-triq.
Imma Kukinu ma marx warajhom; waqaf fuq il-bankina ħdejn Mena jistennieha taħtaflu ċ-ċinga, waqt li baqa' jistenna lil sidu jkompli nieżel it-taraġ s'isfel.
"Ma nistax nifhmu lil ibni," beda jgerger Ġwakkin għal ibnu ż-żgħir.
"Wara li tlift nofs is-saħħa li kelli, ġabli dal-kelb biex immur nimxi bih. U minfuq ġabli l-akbar wieħed li seta' jsib."
U Kukinu, kwiet daqs baqqa, bi lsienu barra qisu qed jidħak bihom, qagħad iħares lejn il-Pulizija u t-tnejn l-oħra jaqsmu lura. Mhux biss; tgħidx kemm ferfer denbu meta reġgħu resqu lejh.
Meta Ġwakkin reġa' żammu biċ-ċinga f'idu, il-Pulizija resqet lejh u qaltlu,
"Ilaħwa xi ġmiel ta' kelb, nista' mmellsu?", u malajr għamlet ħbieb miegħu. Kukinu kien kelb li jiġbed l-għajn u kull min jarah kien jieħu grazzja miegħu.
"Imma kellu bżonn jikber ftit ieħor biex irabbi daqsxejn t'għaqal," weġibha Ġwakkin.

Sakemm Ġwakkin beda jieħu l-Voti, Kukinu qabad

ixomm u jdur mat-tnejn l-oħra. Lir-rappreżentant tal-Partit ta' Ġwakkin, kien jafu sew għax kemm-il darba kien rah jitkellem u jitmasħan ma' sidu, imma lis-sinjura l-oħra ma kienx jafha. Din tħajret tmellsu wkoll imma Ġwakkin kien pront qalilha,
"Attenta sinjura; għandek iż-żarbun bil-lazz u jekk jirnexxilu jaħtaflu t-tarf ħadd ma joħodhulu …"
Imma kien tard wisq għax Kukinu kien diġa' bix-xifer tal-lazz f'ħalqu, jiġbed kemm jiflaħ.
"Ferfer iż-żarbuna minn saqajk… tippruvax toħodhielu… ħallih f'idejja," u waqt li Kukinu beda jgħolli ż-żarbun f'nofs it-triq u jiġbed lil Ġwakkin warajh, Filomen sparrixiet fil-garaxx u ħarġet bil-flixkun vojt tal-plastik li kien il-preferut tal-kelb.
Kif raha riesqa lejh, bil-flixkun tiegħu f'ħalqha, tfaqqgħu u tgerrmu bħalma kien iħobb jagħmel hu, Kukinu kien pront rema ż-żarbun minn ħalqu, tela' magħha u ħataf il-flixkun tiegħu. Ġwakkin kien pront ġibdu fuq il-bankina u Mena ħatfet iż-żarbun mill-art li b'xorti tajba kien għadu qawwi u sħiħ.

"Kif ma bżajtx minnu… tela' kważi ma' wiċċek biex ħataf il-flixkun?" staqsietha l-Pulizija.
"Dil-logħba spiss nilagħbuha; kull meta joħodli xi ħaġa li tkun tassew għal qalbi. S'issa, qatt ma laqatli wiċċi; dak jaf li jien insajjarlu, li jien noqgħod bilqiegħda u nitbaxxa biex inżommlu f'idi l-iskutella tiegħu, sakemm ilaqqatha. Bejnietna hemm rabta qawwija; barra minn hekk jien dejjem noqgħod attenta għax wara kollox mhux dejjem jurini xi jkun għaddej minn moħħu."

Imma sadattant Mena ma neħħietx għajnejha minn fuqu; kienet taf x'jagħmel is-soltu meta tirbaħlu hi. B'xi mod jew ieħor biex ippattihielha. U kif ratu wieqaf bil-flixkun f'ħalqu, iħares ċass lejn il-Voti f'idejn il-Pulizija, waqt li din kienet aljenata titbissem b'dik ix-xenata li kienet għadha kemm rat, qalb Filomen ħebritha x'seta' kien ġej; x'kien qed jinħema f'moħħ il-kelb.

"Ġwakkin ressaq il-kelb 'il bogħod minn hawn; dak donnu lest biex jaħtfilha l-Voti minn idha."
Kif il-Pulizija żammet il-Voti ma' sidirha b'idejha t-tnejn, Ġwakkin daħħal il-kelb fil-bieb tal-garaxx. L-art barra t-triq kienet bdiet tisħon fix-xemx u Kukinu ħa pjaċir jersaq fid-dell. Għalhekk Mena kompliet tgħidilha,
"Dak ma jistax jara biċċa kartuna. Beda jara kif ser jaħtafhomlok u bħalissa jrid ippattihielna talli ħadnilu ż-żarbuna tas-sinjura."

Kif daħlu ġewwa u refgħu l-Voti Ġwakkin u l-mara qabdu daħka li ma setgħu jieqfu minnha b'xejn. Ġwakkin beda jistħajjel il-Voti mxerrdin u mqattgħin mat-triq kollha, b'Kukinu jirrabja ma' min jipprova joħodlu xi wieħed minnhom u martu bdiet tfassal stampa ta' żewġha msakkar ġo ċella b'Kukinu mitfugħ maġenbu, jistennew li jiġu interrogati. Kukinu kellu ħafna x'jgħidilhom biex jiddefendi lil sidu; kieku nbiħ kellu ħafna… imma jaħasra min kien ser jifhmu fil-Qorti?



## GHAT-TENNIS—L-ewwel parti

**Rakkont ta' John Consiglio**

Kmieni flgħaxijiet il-fizzjali Pollakki kienu jintelqu, bla ebda kontroll, għal tul dik in-niżla twila. L-ewwel kienu jinżlu dawk b'aktar ħerqa, jgħajtu u jwerżqu u jxejru l-pali tagħhom. Spiss kienu anki jkunu tnejn fuq rota waħda.

Oħrajn, aktar konservattivi, beżgħanin, jew kajmani, kienu jinżlu warajhom, jagħfsu b'aktar għaqal fuq il-*brakes*, qishom kienu għadhom ma ħakmux l-andrenalina ta' nżul mill-għoli bir-rota. Nofs siegħa wara dawk li kienu jippreferu jimxu kienu jkunu qed jippassiġġaw fir-raħal, bl-inkini u l-"Għodwa t-tajba" tagħhom.

Il-ġenituri tagħna qalulna kemm kienet ħaġa sabiħa toqgħod tara lil dawk il-Pollakki, dejjem mimlija kortesija mal-barranin anki meta kellhom tant fi ħsibijiethom. Bħall-oħrajn, dawk li ġew bil-mixi kienu jkunu lebsin daqstant biċċiet u tlaqqit ta' lbies tat-tennis daqskemm kien ikun irnexxielhom imiddu jdejhom fuqhom. Uħud kienu jkunu lebsin qliezet bojod, jew qomos bojod, jew qomos u ġersijiet militari. Oħrajn kienu jkunu lebsin *shorts* militari, qliezet tad-*drill*, jew ġersijiet. Kienu jkunu biss xi wieħed jew tnejn li kellhom ilbies sħiħ abjad espressament tat-tennis. Membri tal-Klabb tat-Tennis tawhom kemm setgħu lbies abjad, l-istess bħal, ngħidu aħna, *head waiters* fir-ristoranti li dejjem kien ikollhom xi ċoff jew tnejn imwarrbin għal mistednin li bla ħsieb jaslu mingħajrhom.

Għal sagħtejn jew tlieta, f'serata jew tnejn fil-ġimgħa, il-*court* kien ikun qisu maħkum minn *players* Pollakki. L-ilsien mimli entużjażmu tagħhom kien jidwi kullimkien, waqt li l-membri aktar tolleranti u kajmani tal-Klabb iħarsu u jpaċpċu ma' uffiċjali aktar anzjani li ma jilagħbux aktar il-logħba, u jġibu ruħhom bħala li qegħdin hemm biex iżommu għajnejhom fuq il-fizzjali aktar żgħażagħ tar-reġiment.

In-nisa tal-Klabb kont tismagħhom jitbissmu u jpespsu qishom kanarini hekk kif xi fizzjal ibusilhom idejhom, drawwa kavallereska li, jaħasra, naqset fuq dawn il-gżejjer. Niftakar sew mara żagħżugħa tipprostesta, "Imma Pa tant hu ħelu! U miskin ara minn kemm għadda!" Kienet qed tfettaq, u missierha kien ferm irrabjat. "Jista' jkun ħelu u eleganti daqs ħamsin VCs miġbura flimkien", qalilha b'dik ir-rabja kontrollata li r-raġel biss jaf jibni, "iżda ma jimpurtani xejn, seta' anki għadda mill-infern. Iżda inti mhux ser terġa' tarah!"

L-irġiel kien jonqsilhom il-kliem meta dawn l-uffiċjali Pollakki kienu jippreżentawhom b'"rigali żgħar", jew iġibulhom "fjuri għan-nisa'" tagħhom. Wieħed minnhom tani girlanda ta' fjuri mit-triq li ġabar fi triqtu lejn il-*court*. "Għat-tifla ż-żgħira", qal lil missieri, "jixirqulha l-fjuri. Fjuri koħol għal għajnejn koħol, le? Iva, iva, għajnejn żoroq bħal dawk!" Ommi wieġbet, "Din it-tifla żgħira issa wasal ħinha għas-sodda". U dik it-tifla kellha aptit tisplodi, għax xejn ma kienet qed tqis lilha nnifisha u la żgħira u lanqas lesta għar-raqda, u, nissuspetta, lanqas ommha ma kienet qed taħseb hekk.

Mal-għabex l-uffiċjali Pollakki kienu jerġgħu jitilgħu bir-roti dik l-għolja lejn il-*barracks* militari fejn kienu ppustjati. Kont narahom mit-tieqa tal-kamra tas-sodda tiegħi. Pali tat-tennis, ġersijiet, kotba tal-lingwa, u affarijiet oħra, kienu jkunu bbilanċjati fuq quddiem u wara tar-roti tagħhom. Biċċiet ta' konversazzjoni kienu jinstemgħu jidwu mingħand dawn is-suldati. Jiena kien għad kelli erbatax-il sena dak iż-żmien, iżda serata waħda għadni niftakar figura aħħarija nofsha bajda tisparixxi lejn il-fjuri tal-ġnien ta' Sir George Maclean meta, kif imbagħad smajt mingħand missieri l-għada filgħodu, dak ix-xwejjaħ suldat kien bagħat stedina lill-Pollakki biex jieqfu fid-dar tiegħu għal xarba.

Piloti Ingliżi, Kanadiżi, u Amerikani mill-bażi navali tal-ajru, kultant minn xi *aircraft carriers* ankrati fuq ix-xmara Clyde, kienu jiġu jilagħbu fuq il-*court* tagħna. Kienu jaslu b'taħlita impressjonanti ta' mezzi ta' trasport. Fuq il-firxa ta' ħaxix mal-ġenb tat-triq kien ikun hemm karozzi kulur ikħal kark, misjuqin mir-Wrens, jew jeeps, xi trakk jew tnejn, u kultant anki xi sport car tleqq għal ħutna biex jammiraw. Dawk il-karozzi koħol kont tarahom ileqqu fix-xemx ta' filgħaxija kif tisreġ minn fost is-siġar u tolqot id-dellijiet tal-ħajt għoli tal-ġebel li kien jaħbi il-*court* mit-triq. Dak id-dawl tax-xemx fuq il-karozzi kien joħloq kulur li ma jintesiex, dawl li bħal wieħed ikun jixtieq isalva għal dejjem. Dawn in-nies tal-forzi tal-ajru kienu nies ta' spirtu ħaj ukoll. Waslu lebsin perfetti. L-ewwel ma daħlu kienu l-Pollakki fl-1944. Sena u nofs wara il-*court* reġa' sar tagħna.

Intlagħab aktar tennis fuq il-*court* tagħna f'dawk l-aħħar żewġt isjuf tal-Gwerra minn qatt qabel, jew anki wara. Fil-festa ta' *All Hallows* tal-1945 kien sar tieġ ta' żewġ għożżieba. Ma togħġobnix dik il-kelma, iżda nħossni mwaħħal biha. Bella għandha tnejn u ħamsin, u jiena ħamsin, anki jekk dan inti ma temmnux meta tħares lejn tennisti. Driegħ fi driegħ, taħt arkata ta' pali tat-tennis mirfugħa, l-għarus Amerikan u l-għarusa tiegħu li kienet mill-post... wieħed għad jista' jgawdi it-tbissima tagħhom fuq il-faċċata ta' quddiem (illum dejjem aktar midbiela jew iċċarata) tal-ġurnal f'dawk il-volumi llegati tal-"Press & Advertiser" li kulħadd jista' jgawdi fil-Librerija Pubblika fil-belt. Jekk ikunu minn hawn, u ma tantx ħerqana li jagħmlu l-mawra, jistgħu allura jarawhom xorta waħda fil-kamra ta' ħdejn il-bejt fid-dar tas-Sur Ferrier, u dan għax hu għad għandu l-isbaħ parti ta' sett sħiħ.

U dik mela kienet is-Sinjorina Devorgilla Cunningham, li saret is-Sinjura DeLancy O'Hara ta' Boston f'Massachusetts. Jiena kont hemm għat-tieġ. Kultant illum għadhom jiġu, għax oħt Devorgilla għadha tgħix fid-dar tal-familja f'Craigenmum. Bella Cunningham għadha llum forsi l-unika ħabiba qrib tiegħi. Għandha sentejn aktar minni, u allura għadni nilgħab tennis kontrieha; u anki f'dawk l-okkazjonijiet rari meta jirnexxielna ngħaqqdu n-numru għal-logħba *doubles* jiena nilgħab magħha.

Bħala koppja ħadd ma jirbħilna hawnhekk. Għalina t-tnejn it-tennis, u l-Klabb tat-Tennis, huma xihaga kbira u li m'għandhomx jittieħdu biċ-ċajt. Jiena t-tifla ta' Professur tal-Ġinekoloġija, wieħed minn dawk l-istudjużi Skoċċiżi tant maħbubin li minnhom id-dinja forsi m'għandhiex wisq. L-isforzi entużjasti, imma anki inkompetenti, tiegħu fuq il-*court* tat-tennis kienu jidħlu f'dik il-kategorija ta' li meta tarahom darba ma tinsiehom qatt. Kien jipprova jiġġustifika l-kolpi diżastrużi, iż-żfin bla grazzja, u l-qbiż u ġiri bla sens tiegħu, billi jgħidilna: "Wara kollox dan mhux eżerċizzju? X'inhu it-tennis jekk mhux forma ta' eżerċizzju?" Hu kien mhux daqstant jilgħab it-tennis daqskemm jipprova jżomm lilu nnifsu f'saħħtu.

Konsegwenza tar-reputazzjoni tiegħu, ħadd – u kien misshom jafu aħjar – ma kien jieħu l-logħob tiegħi tat-tennis bis-serjetà, sakemm ma rnexxilix nirbaħ il-Kampjonat tal-Kontea għan-nisa żgħażagħ. Is-sena ta' qabel dak it-trofew kienet għollietu Bella Cunningham. Sena iżgħar minnha f'dak il-mument ta' trijonf, jiena nista' ngħid li għandi xiħaġa aktar minnha. Fil-logħbiet tagħna kontra xulxin l-għadd, nistħi nistqarr, huwa ta' 354 partita għal Bella, u 76 għalija. Kontra din l-istatistika tal-mistħija għandi nsemmi li ilna nżommu l-kont biss għal dawn l-aħħar għaxar snin. Hemm ħafna tennis f'dawn iċ-ċifri iżda ma bdejniex inżommu l-għadd sakemm ġa konna ilna li għaddejna l-aħjar snin tagħna. Bella kellha pitazz żgħir iswed li fih kienet tniżżel kull logħba, kull sett, kull partita. Bilfors iswed kellu jkun, mhux hekk?

Forsi tistaqsi, galiex, fl-età tiegħi, għadni nilgħab sport kompetittiv bħat-tennis? Bħala tweġiba nsostni li Bella tirbaħli, iżda mhux bil-kbir. Tabilħaqq tirbaħli regolarment, iżda r-riżultati jkunu qrib ħafna. Dan, ma nistax ma nistqarrx, ipoġġi lil Bella f'dawl aħjar minni. Jew hekk ikun jidher għal dawk li ma jafux il-fatti. Bella wara kollox għandha tnejn u ħamsin. Iva, għandek raġun jekk inti tikkunsidra l-partiti erojċi ta' bejnietna bħala assurdi. Fl-età ta' tnejn u hamsin huwa agħar għalija, mhux hekk? Il-*birthday* tiegħi jasal b'mod sabiħ fin-nofs tal-partiti ta' bejnietna fis-sajf, fid-9 ta' Lulju. "Bella", għedtilha dis-sena, u kien għad kelli nifs f'ġismi, "naħseb li għal-lum ser nieqaf."

"Biżżejjed għalik għal-lum, qalbi?" Hi mhix it-tip ta' persuna li tiftakar jum twelidha, b'inqas u ferm inqas dak tal-aktar ħabiba anzjana tagħha.

"Fl-età tiegħi", għedtilha, "dan kollu ridikolu. Jiena għandi ħamsin, taf."

"Inti għandek sebgħa u erbgħin" qalet. "U tinsihx dan. Jiena naf, għax jiena għandi disgħa u erbgħin, u inti sentejn iżgħar."

Dan kollu ħawwadni. Jiena faċli ma taqbilx miegħi. Fis-skiet ta' qalbi għoddejt lura s-snin lejn is-sena ta' twelidi. "Le", għedt, illum jum twelidi, u jiena ngħodd ħamsin."

"Nifraħlek!" Ħallietni ħdejn ix-xibka u mxiet lura biex terġa' tissokta s-*service* tagħha. Sparat ballun kiefer lejja li qabeż eżattament ġewwa l-linja u ħallieni għal kollox mitlufa. "*Happy birthday, my dear*!" Daqqa oħra militari minn tagħha lejja.

"Dak barra!" Il-verità kienet li l-ballun kien ġewwa, iżda m'hemm xejn ħażin f'li wieħed jipprova, mhux

hekk?

Jekk nist' ngħidha, jiena dejjem ħadt ħsieb ta' għonqi għas-sbuħija tiegħu, bħal ngħidu aħna taċ-ċinji, u lejn l-ideal sportiv, aktar milli għamlet Bella Cunningham. Għonq Mrs O'Hara huwa l-aħjar għal-logħob ta' tennis kontinwu, u anki nifhem li hija prattika komuni f'Boston, Mass. li hemmhekk kura li tqum il-flus issir fuq ġilda li qed tisparixxi, jew ilħit li qed jiddendel. Mid-dehra jasal mument meta nisa li kienu sbieħ ikollhom jammettu li dik l-informazzjoni tleqq minn ġol-mera hija, wara kollox, il-verità, u li jkunu waslu għall-istatus matrijarkali. Jew, almenu, hekk smajt!

Fejn jidħlu dirgħajja dawn imbagħad, nassigurak, ma juru ebda sinjal li sejrin lura lejn dik il-kondizzjoni mdendla u mhux aktar żagħżugħa li hija komuni f'nisa tal-età tiegħi. Dirgħajn Bella Cunningham huma volgarment maskili. Għandi suspett iberren li hija tgħaddi xi ħin tagħmel l-irfigħ tal-ħadid. Mhux il-każ li jiena qatt rajtha terfa' l-piżijiet fi kwalunkwe kamra f'Craigenmun li hija tuża bħala il-*gym* sigriet tagħha. Le, jiena sempliċiment qed nitkellem a bażi ta' dik ix-xhieda li nara b'għajnejja, is-sempliċi daqs tagħha. Eżerċizzji ta' dak it-tip żgur li jispjegaw għaliex Bella Cunningham għandha l-mustaċċi.

U issa, riġlejja… jiena ġustament kburija b'saqajja. Kien hemm mument meta kont inqishom bħala fil-wisgħa l-aħjar element tiegħi. Tabilħaqq kont dejjem niddandan bihom kull fejn fil-qrib kien ikun hemm xi ġuvintur. L-eżerċizzju ma dawwarhomx f'wisq muskolatura. Huma, nazzarda ngħid, ewlenin għas-sbuħija tagħhom daqskemm għal kemm jesponuni bħala mara f'kundizzjoni fiżika eċċellenti.

**[It-tieni parti ta' dan ir-rakkont tidher fil-ħarġa li jmiss ta' IL-PONT]**






## A BILINGUAL DICTIONARY OF TRANSLATION: ENGLISH-MALTESE, MALTESE-ENGLISH, FI 3 VOLUMI, ta' Charles Briffa, Horizons, 2017.

Dan id-dizzjunarju bilingwali jfittex li jistħarreġ ix-xejriet prattiċi u teoretiċi tat-traduzzjoni u l-interpretar, u jperreċ l-applikazzjoni tagħhom għall-qagħda Maltija. Jgħarbel bosta topiks, u jagħtihom artikli sħaħ bi *cross-references* li strutturalment huma loġiċi u koerenti. Fost dawn it-topiks insibu: il-prinċipji tal-lessikografija; l-għamliet differenti tal-interpretar; il-metodi tat-traduzzjoni; l-istandards tat-traduzzjoni awdjoviżwali; u l-aspetti stilistiċi tat-traduzzjoni.

Din hija l-ewwel darba li s-suġġett tat-traduzzjoni qed jiġi ttrattat b'dan il-mod komprensiv għax-xena Maltija.

Huwa xogħol ta' referenza tajjeb għal dawk li huma involuti fis-suġġetti li għandhom x'jaqsmu mat-traduzzjoni (bħall-istudenti u r-riċerkaturi tat-traduzzjoni) f'kuntest bilingwali (Malti u Ingliż). Iħaddan fih l-aktar termini importanti u aġġornati li jintużaw fl-Istudji tat-Traduzzjoni u d-dixxiplini relatati.

Fl-istess waqt, dan id-dizzjunarju ta kas ta' dawk li għandhom ftit għarfien jew xejn tas-suġġett. Id-definizzjonijiet (ħafna minnhom estensjonali u operazzjonali) tfasslu sabiex ikunu ħfief biex wieħed jifhimhom (u għandhom bosta eżempji mill-Malti u mill-Ingliż), u xorta jżommu l-aspetti speċjalizzati u prattiċi tagħhom.

**MELANKONIJA**

Inħossok minn filgħodu
qed tersaq biex tinbixni
bħal donnu ebda qawwa
minnek tista' tħarisni!

Il-qilla li ġġib miegħek
suġġett għal elf traġedja
għax kull fejn tidħol taqsam
u tnissel biss l-aċċidja.

Ir-ras titqal, tiddellel,
il-qalb tħabbat qawwija
jintelqu r-riġlejn sodi
ir-ruħ tħossha mifnija.

L-ispirtu jitlef saħħtu
jixxennaq għall-ħelsien
id-dlam jifrex setgħetu
u jimraħ kullimkien.

Il-bir tax-xewqat jinxef
ir-rieda donnha tmut
nixxennaq biss għall-qabar
nixtieqni biss stendut.

Qalila wisq qawwitek
tgħaddi minn kullimkien
ma tafx x'inhuma l-limti
ta' spazju jew ta' żmien.

Idejk bħal tal-qarnita
iħaddnu t-tul u l-wisa'
fil-fond ħarstek niffieda
le mhux la kemm tintesa!

Imma għalkemm kerha w'sewda
minnek tasalli t-tama
għax vrusi qatt ma jinxfu
kull meta troddli żjara.

Ġenn stramb dan li ġġib miegħek
u li twebbilni bih
filwaqt li rridek bgħidha
int biss tagħtini r-riħ!

Imbierka d-dipressjoni
li nilmaħ jien f'għajnejk
u l-għafsa li tkagħbarni
bla ma tiġbidni lejk.

M'għandix għażla oħra, ħliefek
għalkemm tiġi bla ħin
ikolli ngħannqek miegħi
bħal frott l-eħrex destin.

**GEOFFREY G. ATTARD**

**LENTAMENTE...**

Lentamente,
sentitamente,
e potenti pure,
gl'accacchi dicono ogni giorno la loro parola,
oggi qua, domani sia qua che un nuovo là,
sembrano far la loro premonizione dell'al di là.

Lentamente,
sentitamente,
ma crescenti, sfilano la loro sfida
alla mia volontà di proseguire il rapporto mente-
corpo.

Ma c'è Tu mio Dio che sei chiaro come la luce della
mattina:
"Finché la mente è, tu ci sei pure... continui a
lottare...

E poi... con l'attimo della partenza... li canterai
vittoria!"

**JOHN CONSIGLIO**

**RADDA**
**(b'dedika liż-żagħżugħ qalbieni Jerome, eroj ta' żmienna)**

Jista' qatt
da'l-povru moħħna
jibda jbati bid-dimensja,
forsi l-qalbna jibda jserraħ
mit-thewdin tal-penitenza;
illi jaħraq swied l-intern
u ġie donnu influwenza.

Jista' qatt moħħi
jfiehem lil din qalbi
li kollox huwa frugħa
allavolja tertaqt stonku
b'da't-thewdin ta' din il-bluha?

Għaliex bejn moħħna u qalbna
hemm tant battalji kbar

allavolja għandna l-mera
illi tant turina ċar...

Mulej iftħilna l-ponn
li bbalzma fis-suppervja
kif qatt jiena nista' nifhem
mingħajr ma qatt ninnervja?

Pero' Mulej, konvinta
illi f'darek għandek ġnien
li jwarrad b'mod kontinwu
bil-ġmiel ta' bosta lwien;

U int tagħmel iż-żabra
biex tagħżel dan il-ward
li ssaqqi b'ilma safi
f'nixxiegħa mingħajr mard.

Dan l-anġlu li rritorna
poġġih tal-ġnien l-għassies
għax kien anġlu ta' qlubija
li mħabba ta bla qies...

**AMANDA BUSUTTIL**

### QATT MA KONT NAF

Qatt ma kont naf li l-weraq jinxfu f'salt
u daqshekk b'għaġla f'moħħ poeta.
Kont ħsibt li għandu ħażna ma tispiċċa qatt
ta' ħsibijiet jiggaloppjaw lejn spazji ċari u 'nfiniti
li kien bħal alla tas-sajjetti jixgħel id-dagħbien
u jżiġġ qalil bix-xabla jħaffer l-epitaffji tat-tiranni
biex jifdi 'l-innoċenti.
Qatt ma kont naf li qalbu għad tiddgħajjef ħesrem
u l-ilħna f'rasu jwelldu Babilonja
korrotta w sempiterna.
Illum naf li poeta jista' jkun katavru ħaj distint:
Għadu jilheġ minkejja kollox
mixħut fl-ospizju tal-umiljati
fejn anki l-infermiera qatgħu jieshom
mill-allegoriji tal-infettati.

**MARIO AZZOPARDI**
**(minn *Il-Fabbrikant tal-Marjunetti, Poeżiji u Poesaġġi 2012*, Horizons, 2012)**

### IN-NAR

Meta fil-fuklar antikwat
tan-nanna Saverina
l-ħatab niexef qoxqox
imwaddab waħda waħda
u sulfarina nqabbad
nerġa' nġedded it-tifkira
bħal siġill
inċiża fl-eqdem stiva
tal-inkonxju kollettiv
u niftakar f'dakinhar
li l-antenati kebbsu
l-ewwel xrara
u l-foresta ssaħħret
bħall-isbaħ ħrafa.

**ANDREW SCIBERRAS**
**(minn *El Duende*, Horizons, 2017)**

### TIQAFX FUQ QABRI U TIBKI

Tiqafx fuq qabri u tibki,
għax jien ma ninsabx fih;
la hemm ma ninsab  rieqed,
għax issa ntir mar-riħ;

Jien issa l-borra nieżla,
għalqa qamħ lesta għall-ħsad;
jien issa skiet il-għodwa,
diwja fil-bogħ'd ta' rgħad;

nittajjar mal-għasafar,
iduru dawra tond;
jien dawl minn dawl il-kwiekeb,
iteptpu f'lejl profond.

Jien  warda qiegħda tiftaħ,
f'kamra mimlija skiet;
għasfur li kompla jgħanni
għanja li qatt ma ntfiet.

Issokta isma' leħni,
għax f'qalbek jien ma skittx.
Tiqafx fuq qabri u tibki,
tibkix... għax jien ma mittx.

**ALFRED PALMA**

**DAPHNE CARUANA GALIZIA**

When the wind was whistling
around dumb and shrewd branches,
thunder scared the neighbourhood
and everything bowed its head
in front of its might and awe.
Fields were astounded
by the din and shriek
of half a cry reverberating in an empty space.
Stillness killed zest and fire hastened its elegance.

Birds went astray astounded
and exhaled their last quere song
in the blue sky away.
Life kissed Death
and both had the last word.
Peace!

1. One of the best known investigative journalists, blown up in her car by an unknown assassin near her home in Malta, on 16th Oct. 2017. The International Consortium of Invstigative Journalists strongly condemned her killing.

**CARMEL MALLIA**
**23.10.17**

**DAPHNE: IL-MARTRI TAL-ĠUSTIZZJA**

Dmirek għaraft mill-bidu ta' żgħożitek
u dħalt għal ħidma iebsa bla ma bżajt.
Għaġġibtna lkoll bil-qawwa ta' qlubitek
kull x'ħin mal-kbar tissara issugrajt.

Għax int, bħal David, ma bżajtx minn Gulija,
u bl-iżbandola tas-sewwa u d-dmir
int drabtu kemm-il darba u l-qlubija
ġeddidt, u ġieħek kotor mat-tifħir.

Tal-ħarir iswed u l-qalbiena armati
beżgħu mill-qilla ta' ftit nies mill-agħ'r,
u ma deh'r ħadd fil-għases u fil-qrati.
Kull flien fuqani ċaħad kulma sar.

Inti biss, Daphnie Caruana Galizia,
ħabrikt u sfajt il-Martri tal-Ġustizzja.

**FRANK ZAMMIT**
**Pendle Hill, NSW, Awstralja**
**25.10.2017**

**FIT-TRIQ TAL-BIDNIJA**
**(in memoria ta' Daphne Caruana Galizia 16/10/2017)**

U għajta dwiet mat-truf tal-gżejjer tagħna
li qatlu omm u mart u anke bint.
U nħasdet Malta bl-hemm li waqa' fuqha
li 'l poplu safa mbikkem, int min int.

U l-għajta nstemgħet tidwi 'l b'għod minn xtutna,
u waqa' skiet għax ħadd ma kien jaf xejn.
Kulħadd isaqsi "X'għamlet din il-mara
biex ħallset b'demmha kollu dan id-dejn?"

U nbidel wiċċ dar-raħal kwiet u ċkejken
fejn għajr il-ħoss tal-bidwi ma tismax.
Imm'issa l-post sar qisu ċimiterju
fejn nies ħosbiena, mdejqa ma tarax.

U Malta bkiet u semmgħet hi leħinha:
"Qtiltuli bint li bħalha ma kellix.
Ħuduli kulma għandi, dak li tridu
'mma d-dritt li jien nitkellem, toħdulix."

Nixtieq inpoġġi rħama
fil-post fejn mietet hi
u nikteb bl-istess pinna
biex kienet tikteb hi:

"Hawnhekk inqatlet mara
f'din l-għarqa fil-ħamrija
u ċċarċar demmha kollu
fit-triq ġewwa l-Bidnija."

**JOSEPH SCIBERRAS,**
**Ħ'Attard, 23.10.17**

**PLUTO**
**To Alan Stern***

A cold and distant world,
a planet is a small
dream paradise
in the solar system:
Pluto, the dwarf planet
stays three billion years
from the Sun
and almost ten years
of the spacecraft Horizon
from Earth.
Alan Stern waits:
there will be photographs
of the Plutonic five Moons,
enough to drive an astronomer
or a lunatic poet
out of their minds.

***Alan Stern is an astronomer and great supporter of the mission to Pluto.**

**TERESINKA PEREIRA**
**L-Istati Uniti**

**THE SOUTHERN DAWN**

The southern dawn
breaks up over
a bell of the chimney's horn

Across the calm bay
a silver marsh of dreams
sunlights the north trees
with a white splash of wind.

**JOHN SVEHLA**
**L-Istati Uniti**

**LITTLE BEAUTY AT THE FLOWER AND THE WIND**
**(Belinha, Belinha em vento e flor)**

still beautiful
play, play
between the fringe of the wind
wind, wind
bring back the beauty
to this air of the country
to be so beautiful
to the flower of the wind
seed in flower
cosmic girl
play, play
in the flower of the wind
mother of the movement
in verse and bread
wheat, wind, wind,
and bread
wind, wind, bring back the beauty
to this country side
to be so beautiful
mother of the wind
mother of life
in singing and flower.

**HELENICE MARIA REIS ROCHA**
**(Translation by Teresinka Pereira)**
**Il-Brażil**

**NOWHERE**

I am nowhere present
nor absent anywhere

many a time had I the wish
to cease existing,
although I have never
really lived

nearby the stinging nettle is
in imperial bloom
nearby coloured airplanes
are taking off

I have not been sentenced anywhere
but I can find escape nowhere

**DORIN POPA**
**Ir-Rumanija**

**HAIKU**

The dancing sand dunes
and the singing stones and rocks.
How sweet the music!

**RAJKAMAL SHIROMANI**
**L-Indja**




**IR-REFUĠJATI MALTIN F'GĦAWDEX FI ŻMIEN IL-GWERRA ta' Charles Bezzina, Sponsorjat mill-BOV, 2017.**

Isem Charles Bezzina ilu li ntrabat mal-qasam tar-riċerka dwar it-Tieni Gwerra Dinjija u Għawdex sa minn bosta snin ilu. Dan anki għax huwa kompla fejn ħalla missieru, il-mibki Frank Bezzina. F'dan il-ktieb ta' ftit iktar minn mitt paġna nsibu Messaġġ minn Anton Tabone, Kelmtejn Qabel minn Laurence Mizzi, Daħla mill-awtur stess u 12-il kapitlu mimlijin tagħrif varjat dwar ir-refuġjati Maltin fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. F'dan il-ktieb naqraw dwar in-notifikazzjonijiet ta' Gvern dwar ir-refuġjati, il-pazjenti tal-Isptar San Vinċenz De Paul f'Għawdex, l-ordnijiet tas-sorijiet Maltin, il-ftuħ tal-Museum tas-subien, refuġjati Maltin f'Għawdex li mietu kawża tal-gwerra, l-impatt tal-Maltin fuq l-Għawdxin, Tony Scott, u reminixxenzi minn Andrè Zammit, Ugo Mifsud Bonnici u Victor Wickman. Ma tonqosx fl-aħħar biblijografija dettaljata.




***PACEVILLE U LIL HINN MINNU* ta' Anton Sammut, 2017**

Dan huwa rumanz qasir ta' 78 paġna. Għandu daħla kritika mill-pinna tal-Prof. Oliver Friggieri fejn naqraw hekk: "Madwar mejda f'Paceville, post li Anton Sammut jirrendih speċi ta' metafora ta' kundizzjoni umana, il-qarrej-semmiegħ jistenna li jsib minn kollox. F'dan id-dawl l-isem tar-rumanz stess jindika dan. *Paceville u Lil Hinn Minnu*: it-test tal-wiċċ jirrakkonta lil 'Paceville' li jidher, waqt li t-test tal-qiegħ jinstab 'lil hinn minnu', u għalhekk ma jidhirx, jiġifieri joffri interpretazzjoni tiegħu, li ma tidhirx. Il-fiżiku u l-metafiżiku huma mlaqqgħin flimkien. Huwa hawnhekk li jiżvolġi l-isbaħ aspett tad-diskors tiegħu kollu: it-tlaqqigħ tal-insinifikanti u tal-assolut flimkien...". Din id-darba Sammut iħaddem apposta stil mexxej li għandu mill-*wit* ta' Oscar Wilde, flimkien ma' Malti tal-preżent. Din ta' Sammut hija kitba-tniggiża li toħroġ għad-dawl il-fatt li parti kbira minn ħajjitna ngħadduha ngħidu u nisimgħu l-ħmerijiet.







### *LOVE IN THE TIME OF THE INQUISITION* ta' Lou Drofenik, Horizons, 2017.

Dan mhux l-ewwel rumanz ta' Lou Drofenik. Min jaf il-kitba tagħha jaf li qabel ma tikteb tagħmel perijodu twil tagħmel ir-riċerki tagħha meħtieġa biex fl-aħħar toħroġ rumanz fejn ir-realtà u l-fittizzju jsiru ħaġa waħda li flimkien jagħtu pjaċir sublimi lill-qarrej. Din id-darba naqraw dwar sigriet nofsu mikxuf ta' omm, ix-xewqa ta' missier li jerġa' f'kuntatt ma' bintu u kaxxa dokumenti li għamlet żmien twil moħbija fi gwardarobba. Dan hu rumanz fejn naqraw dwar mara li tipprova tgħaqqad flimkien bosta frammenti mill-istorja tal-bidu tagħha li toħodna lura sas-seklu sittax f'Malta, eżattament ġewwa l-ħajjiet tal-antenati nisa tagħha. Mill-ġdid hawn għandna rumanz miktub b'sengħa kbira dwar temi bħall-vjaġġ, il-memorja u l-qawwa li l-imħabba għandha biex tfejjaq. Dan kollu f'rumanz ta' ftit iktar minn 500 paġna.

### KONVOJ. IL-ĠRAJJA LI NAF JIENA BISS ta' Michael Cini, Horizons, 2017.

Dan huwa rumanz li jirrakkonta vjaġġ ta' mħabba, qlubija u vittorja li nkiteb biex ifakkar il-75 anniversarju mill-wasla glorjuża tal-Konvoj ta' Santa Marija. Ir-rakkont huwa msejjes fuq ġrajja storika li seħħet tassew, mimlija battalji u taqbid. Hija ġrajja ta' vjaġġ mimli saram u ta' nies qalbiena li b'sogru kbir, salvaw lil Malta milli ċċedi f'idejn l-għadu. Din il-ġrajja hija rrakkuntata mill-għajnejn ta' żewġ maħbubin li fl-avventura taż-żgħożija tagħhom, rikbu bil-moħbi fuq l-Ohio - l-uniku tanker ta' dan il-konvoj li kien qiegħed iġorr il-fuel – bit-tama li jiġu Malta. Mur għidilhom liema perikli kien hemm lesti għalihom, speċjalment kull darba li l-Ohio kien jisfa fil-mira prinċipali tal-għadu. Żgur li qatt ma kienu basru ma' xiex kien se jkollhom iħabbtu wiċċhom sakemm jaslu – jekk jaslu! Il-ktieb jinkludi wkoll xi materjal li jikkumplimenta l-ġrajja, fosthom ritratti, mapep u listi ta' bastimenti militari u ekwipaġġi.




**_EL DUENDE_, ta' Andrew Sciberras, 2017.**

F'din il-ġabra ta' 175 paġna wieħed jista' jaqra 75 poeżija ġdida ta' Andrew Sciberras. Il-ktieb għandu kitbiet ta' natura kritika mill-pinna ta' Tarċisju Zarb, Charles Briffa u Oliver Friggieri. Apparti l-versi tiegħu Sciberras għażel li jarrikkixxi l-ġabra tiegħu b'siltiet qosra minn kittieba u ħassieba barranin bħal Nietzsche, Heidegger, Camus, Marcel, Sartre, Kierkegaard, u De Beauvoir. Dan hu ktieb li joħroġ fil-beraħ is-sengħa tal-kitba, il-ħsieb mibdul f'kelma pura, anki bħala reazzjoni għal dak kollu li seħħ u qed iseħħ madwar id-dinja tal-bniedem. Mario Azzopardi jikteb li dawk ta' Sciberras huma versi eklettiċi, provokanti u intelliġenti, u li l-poeta rnexxielu jagħmel "dikostruzzjoni interessanti - ibda minn dik tal-lingwa u tal-ġeneri, sa dawk parareliġjużi, etniċi u politiċi, dejjem b'tiftix (ħafna drabi frenetiku) għal spazju determinat, għas-'sens' eżistenzjali-empiriku, anki teknoloġiku."




**_IR-RAĠEL STRAMB MILGĦUB MINN MARA_ ta' Salv Sammut, Horizons, 2017.**

Dan huwa s-sitt rumanz ippubblikat ta' dan l-awtur li ppubblika wkoll poeżiji u novelli. Din id-darba jippreżentalna rumanz ta' iktar minn 350 paġna. Bħal dejjem dik ta' Sammut hija narrattiva mwassla lilna permezz ta' lingwa li tinftiehem, mexxejja, u b'hekk ma ddejqekx. Wieħed jistaqsi kif jista' jkun li raġel stramb jiġi milgħub minn mara? X'setgħa kellha din biex ġabitu jibża' min-nisa u jaħlef li ma jgħinhomx iżjed, l-aktar jekk ikunu żgħażagħ, ħelwin u senswali? Dan li naqraw dwaru hawn kien Bolxevist konvint fil-belt ta' Varsavja taħt il-ħakma Bolxevista. Ħabb tfajla Kattolika daqsu konvinta fid-din tagħha. Minn naħa oħra, għen tfajla Lhudija b'altruwiżmu bla kundizzjoni. Iżda seħħ waqt f'ħajtu li bidillu mġibtu ta' taħt fuq! Sammut jerġa' jfakkarna li Malta, anki fil-qasam letterarju, hija parti minn kuntest ikbar, dak Ewropew.







## *IL-CAPPUCCINO SAR XAMPANJA U NOVELLI OĦRA* ta' Anthony Farrugia, 2017.

Isem Anthony Farrugia jintrabat mal-kitba tal-poeżija, tar-rumanz u tan-novella. F'din il-ġabra ġdida tiegħu li tifrex fuq 160 paġna naqraw mat-33 rakkont mill-pinna ta' dan l-awtur ta' esperjenza. Il-Malti li jħaddem huwa sabiħ, imma sempliċi u mexxej. Kull rakkont ma jtulx ħafna u dan ikompli jgħin biex il-qarrej jagħżel jaqra rakkont jew tnejn kuljum u l-bqija jħallihom għal jiem oħrajn biex b'hekk igawdi bil-mod il-mod dak li Farrugia għandu x'jaqsam magħna. Ħarsa lejn it-titli tar-rakkonti diġà tagħtina x'nifhmu li dawn huma kitbiet li jintrabtu qatigħ mal-esperjenzi li bħala bnedmin ngħixu ta' kuljum u għalhekk hu faċli li nidentifikaw ruħna mal-personaġġi u l-kontenut tal-kitbiet hawn ippreżentati lilna. "Waqt li konna qegħdin flimkien nixorbu cappuccino, Josette daħħlet idha fil-handbag tagħha u minnu ħarġet żewġ petali niexfa li kienet żammet u nixxfet fil-paġni tal-ktieb... u qaltli, 'Dawn żewġ petali li żammejt tifkira tiegħek ta' meta ftakart fija. Dakinhar kelli bżonn ħafna għajnuna.'"

## *ĠDID FL-AWSTRALJA* ta' Manuel Casha, 2017

"Kultant nieqaf u nirrifletti fuq dik il-ħajja sabiħa ta' żagħżugħ ta' tmintax-il sena mdawwar b'żgħażagħ ta' mparu, madwaru, fejn daħal fil-kurrent ta' ħajja ġdida bi ħbieb ġodda sa mill-ewwel jum tal-impjieg." Hekk jgħidilna l-awtur li ilu jgħix fl-Awstralja sa mill-bidu tas-snin sittin tas-seklu 20 f'rabta ma' dawn il-35 rakkont - li jinfirxu fuq aktar minn 200 paġna - li għandu kemm mill-awtobijografiku kif ukoll mill-fittizzju, ladarba dak li jirrakontalna u l-personaġġi li jikteb dwarhom seta' jiltaqa' magħhom kull Malti li bħalu ħallew art twelidhom biex isibu ħajja aħjar f'pajjiż imbiegħed u kompletament ġdid għalihom. Il-ġabra għandha Daħla minn Malti-Awstraljan ieħor, Joe Axiaq, li jikteb li dan il-ktieb ħareġ "fi żmien meta l-komunità Maltija fl-Awstralja tal-ewwel ġenerazzjoni u l-attività tagħha, qegħdin litteralment imajnaw u jmutu". Naqraw ukoll li hawn "niltaqgħu mal-attitudni pożittiva tal-Malti, li minkejja kollox ikompli jaħdem, jistinka biex jimxi 'l quddiem minkejja t-tbatija." Dawn ta' Casha huma rakkonti bi stil mexxej u li jagħtu pjaċir ġenwin taqrahom.







**_LE POÈTE MARIO AZZOPARDI_ ta' Andrew Sciberras u Tarcisio Zarb, Horizons, 2017.**

Kien ilu jinħass il-bżonn ta' ktieb bħal dan li fi ftit iktar minn 400 paġna jiġbor fih għażla interessanti tal-poeżiji ta' Mario Azzopardi li dehru f'ġabriet bħal *Antenni*, *Dwal fil-Persjani*, *Demgħat tas-Silġ*, *Passiflora*, *Tabernakli*, *Monokordi*, *Noti mis-Sanatorju tal-Mistiċi*, *Skizzi tal-Karnival*, *Il-Fabbrikant tal-Marjunetti,* u *Epistoli mid-Deżert*. Mela hawn għandna għażla ta' versi li Mario Azzopardi kiteb bejn l-1968 u l-2014 (firxa ta' 46 sena!) Dan il-ktieb ikompli jissaħħaħ permezz tal-Biblijografija tax-xogħlijiet ta' Mario Azzopardi, imma anki permezz ta' intervista miegħu, u għadd ta' saġġi kritiċi li Andrew Sciberras u Tarċisju Zarb għoġobhom jiktbu dwar ix-xogħlijiet ta' dan il-poeta li fl-imgħoddi kien meqjus bħala t-"tifel l-imqareb" tal-poeżija Maltija.

**_RABTIET_ ta' Lawrence Gatt, Kite, 2017.**

Dan ir-rumanz ġdid (qrib il-500 paġna) tal-Perit Gatt hu ġrajja ta' familja bi tlett itfal. Huwa rumanz mibni fuq rabtiet li jiżviluppaw fil-ħajja ta' familja Maltija fejn il-missier tiġih opportunità ta' xogħol fi Brussell, u intant it-tfal jibdew jitfarfru u kollha jaqbdu t-toroq individwali tagħhom. Il-pass ta' dan ix-xogħol hu mgħaġġel, bit-tensjoni tiżdied aktar kemm wieħed jaqra għax f'ċerti ċirkustanzi r-rabtiet jitgħaqqdu aktar milli mistenni tant li l-għoqiedi jibdew isiru aktar b'saħħithom. Hemm rabtiet li jmorru kontra xulxin, oħrajn jinħallu u jerġgħu jingħaqdu bla ma wieħed jinduna. Wieħed jistaqsi x'kien qed jagħmel - waqt li qed iseħħ dan kollu - il-missier? L-aħħar rabta, f'sensiela ta' rabtiet u għoqiedi li jżommu lill-qarrej fuq ix-xwiek u bla nifs, isseħħ fil-Wied tal-Isperanza, fil-Mosta.